# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXV Vol XIV Nru. 170 Lulju - Settembru 2014



## *Litanija Marjana*
## *Bieb tas-Sema*



Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*
Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187  Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*



**Abbonament għas-sena 2014:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 8.00 |
| *Ewropa* | € 16.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 20.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2014**

***Sena XXXV  Vol XIV  Nru. 170***
***Lulju - Settembru 2014***






**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Marija Bieb tas-Sema, A. Brogli*

***Wara:*** Tifkira tal-150 Sena mit-Twaqqif tad-Djoċesi

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Centro Aletti, Daniel Cilia, George Scerri, Joseph Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2014
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Bieb tas-Sema*

**3** Marija: Bieb tas-Sema

**6** Il-Litanija tal-Madonna

**9** Lejn il-Beatifikazzjoni tal-Papa Pawlu VI

**14** Dun Mikiel Attard: Is-saċerdot li ħabb lil Ta' Pinu (2)

**17** Ħjut fin-Nisġa tal-Istorja

**19** Naħdmu għal Kultura li tgħożż il-gratwita

**22** 150 Sena Djoċesi: It-Twaqqif tal-Knisja ta' Għawdex

**24** 150 Sena Djoċesi: Tifsira tal-Logo uffiċjali

**25** Id-Djoċesi ta' Għawdex tfakkar 150 sena mit-twaqqif tagħha

**27** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**35** Tislima lil żewġ Saċerdoti

**37** L-Għanja tal-Qaddejja It-23 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Biex il-Verġni Marija tkompli tbierek u tħares id-Djoċesi tagħna**




# Bieb tas-Sema

Ix-xhur ta' Awwissu u Settembru huma xhur li jfakkruna fil-Verġni Marija, għaliex waqt li f'Settembru l-Knisja b'ferħ kbir tiċċelebra t-Twelid tat-tarbija li ġiet magħżula sa mill-eternità biex tkun l-Omm Qaddisa ta' Alla, f'Awwissu dan il-ferħ isib il-milja tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tad-Daħla glorjuża fis-Sema ta' dik li ħajjitha kienet magħquda ħaġa waħda ma' Kristu. L-Omm tal-Feddej, ta' kull bniedem, tiġi mgħollija bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja ta' Alla u inkurunata bħala Reġina tas-Sema u l-art. Minħabba f'hekk, ħsibna li waqt li nkomplu bit-tagħlim dwar il-Litaniji Marjani, din il-ħarġa tkun iddedikata lil waħda mill-invokazzjonijiet li nsibu fil-Litanija Lawretana, dik ta' "Bieb tas-Sema".

Tajjeb ngħidu li dan it-titlu ta' *Bieb tas-Sema* l-ewwel u qabel kollox huwa titlu Kristoloġiku, jiġifieri titlu li japplika għal Kristu. Għaliex kien Kristu li permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu fetaħ għalina mill-ġdid il-bieb tal-Ġenna, bieb li kien ingħalaq minħabba d-dnub. Mhux ta' b'xejn il-Liturġija ssejjaħ lil Kristu "bieb tas-salvazzjoni u tal-ħajja". Kien Kristu nnifsu li xebbah lilu nnifsu mal-bieb. Fil-fatt fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Kristu jistqarr: "Tassew tassew ngħidilkom li *l-bieb tan-nagħaġ huwa jien*. Dawk kollha li ġew sa issa qabli huma ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom ma semgħuhomx. *Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva*, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa. Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq u joqtol u jeqred. *Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra*" (10:7-10).

Imma ma nkunu qed innaqqsu xejn lil Kristu meta lil Ommu nsejħulha wkoll b'dan it-titlu ta' Bieb tas-Sema, u dan nistgħu nagħmluh għal diversi raġunijiet. L-ewwel u qabel kollox Missirijiet il-Knisja jsejħu lil Marija "Eva l-ġdida". Għaliex jekk permezz ta' Eva daħal id-dnub u ngħalaq għalina l-bieb tas-Sema, Marija, il-mara li ma tafx x'inhu dnub għaliex hija l-Immakulata, bl-ubbidjenza tagħha għall-Kelma ta' Alla terġa' tiftħilna l-bieb tas-Sema: permezz



tagħha u minħabba l-Iva tagħha ġie fostna s-Salvatur tal-bniedem. Mela dak li ngħalaq bid-diżubbidjenza ta' Eva, reġa' nfetaħ minħabba l-ubbidjenza ta' Marija. Mhux ta' b'xejn li l-parir ta' Marija, lilna li nistqarru li aħna ta' Kristu, hu: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu" (Ġw 2:5).

Marija hija l-Omm Verġni li, waqt li tiftaħ qalbha għal Alla, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tnissel f'ġufha l-Verb ta' Alla, il-Feddej tal-bniedem. Marija hija l-Verġni qabel it-Twelid, fit-Twelid u wara t-Twelid; permezz tagħha ġie fostna s-Salvatur. U għalhekk xbieha ta' dan il-misteru li seħħ f'Marija hija l-bieb tal-lvant tat-Tempju li minnu għadda biss il-Mulej. Bir-raġun in-Nisrani meta jitfa' ħarstu fuq il-Misteru tal-Inkarnazzjoni jista' jsellem lil Marija u jgħidilha: "Sliem għalik, o Bieb tas-Sema: permezz tiegħek ġie jgħammar fostna dak li s-sema u l-art ma jesgħuhx, u sab fik tempju qaddis".

Marija hija l-Għarusa dejjem lesta li tilqa' l-Għarus tagħha. U jekk il-parabbola tal-ħames xebbiet għaqlin u tal-ħamsa boloh hija sejħa għalina biex dejjem inkunu lesti bl-imsiebaħ mixgħula għal meta jiġi u jsejħilna l-Għarus, Kristu l-Mulej, kemm aktar nistgħu naraw f'Marija l-Għarusa fidila u sieħba ta' Kristu li dejjem semgħet, laqgħet u għexet bi mħabba u fedeltà l-Kelma tiegħu! Iva, kif tgħallimna l-parabbola, għal dawk li kienu lesti bl-imsiebaħ f'idejhom, ġie l-Għarus f'nofs ta' lejl u għalihom infetaħ il-bieb tas-Sema, waqt li l-boloh waslu tard u sabu l-bieb magħluq. Marija kontinwament tkompli tirrepeti għalina l-kelmiet tal-parabbola: "Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!" (Mt 25:7).

Marija, mis-Sema fejn tinsab, kontinwament tidħol għalina quddiem Alla, għaliex hija Ommna. Nistgħu ngħidu li x-xewqa tagħha hija l-istess waħda ta' Binha, għax kif jikteb San Pawl fl-Ittra tiegħu lil Timotju, ir-rieda ta' Kristu, is-Salvatur tagħna, hija li "il-bnedmin kollha jsalvaw" (2:4). Għalhekk titlob Ommna Marija: titlob għalina midinbin, għaliex ma tridx li aħna nitilfu t-triq; trid li għalina wkoll jinfetaħ il-bieb tal-Ġenna, għaliex għas-Sema aħna ġejna msejħa. Propju minħabba f'hekk Santu Wistin jgħid li dawk kollha li huma ppredestinati fuq din l-art, huma miktuba kollha fil-ġuf ta' Marija. U miegħu nistgħu nżidu dak li jgħallem San Bonaventura, meta jgħid: "Ħadd ma jista' jidħol fis-Sema jekk mhux permezz ta' Marija li hija l-bieb". U miegħu nżidu dak li jgħidilna Sant'Alfons: "Min iħobb tassew lill-Madonna, għandu jkun żgur mill-Ġenna, daqslikieku ġa jinsab fis-Sema".

Nagħmlu kuraġġ, inkomplu nżommu quddiem għajnejna lil din l-Omm tas-Sema, u ejjew inħalluha tkun għalina *Omm, Għalliema u Gwida tul dan il-pellegrinaġġ tagħna lejn is-Sema pajjiżna, ħa tkun għalina verament il-Bieb tas-Sema!* ♦



# Marija: Bieb tas-Sema

**minn Mons. Lawrenz Sciberras**

Fost il-ħafna titli simboliċi li matul il-medda tas-snin Missirijiet il-Knisja taw u applikaw għal Marija hemm dak ta' "Bieb tas-Sema". Fl-aħħar ħarġa tar-rivista *Madonna Ta' Pinu* (April-Ġunju 2014, Nru 169) deħru xi artikli dwar it-talb litaniku applikat u mogħti lill-Madonna. Eżempju ta' dan hi l-Litanija Lawretana. Dawn kienu artikli ġenerali li juru kif it-talb litaniku l-ewwel jaf il-bidu tiegħu mill-Kotba Mqaddsa, imbagħad matul il-mixja tas-snin intiseġ dejjem favur Marija. F'dan l-artiklu issa se nispeċifikaw fuq wieħed minn dawn it-titli, jiġifieri "Bieb tas-Sema".

## Kristu l-Bieb

Fost is-seba' awtodefinizzjonijiet li nsibu biss fil-vanġelu ta' San Ġwann u li Kristu jagħti tiegħu innifsu, meta jitkellem dwar ir-Ragħaj it-Tajjeb u n-nagħaġ tal-merħla tiegħu, għal darbtejn jgħid li huwa l-Bieb: "Tassew tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien" (Ġw 10:7); "Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi, isalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa" (Ġw 10:9). Ħsieb ieħor marbut mal-idea ta' bieb issa qiegħed fil-ktieb tal-Apokalissi. Hawn Ġesù jitkellem dwar il-pożizzjoni tiegħu bħala dak l-individwu li qiegħed iħabbat il-bieb, mela donnu jittallab biex jiftħulu: "Ara, jien fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi" (Apok 3:20).

## Marija

Issa din l-istess simboloġija marbuta mal-bieb tiġi applikata wkoll għal Marija, Omm Ġesù. B'dan il-ħsieb, Missirijiet il-Knisja, kemm dawk tal-Lvant u kemm tal-Punent, fissru u għallmu dwar din il-verità.

Biss l-ewwel xena ta' bieb applikata għal Marija, dejjem minn Missirijiet il-Knisja, neħduha mill-ġrajja tal-ktieb tal-Ġenesi. Iżakk wissa lil ibnu Ġakobb biex jitbiegħed minn ħuh Għeżaw u jmur fil-Mesopotamja; hemmhekk kellu jiżżewweġ waħda mill-bniet ta' zijuh Laban. U matul il-vjaġġ tiegħu, Ġakobb ħolom dwar "is-sellum wieqaf fl-art



bil-quċċata tiegħu fis-sema" (Ġen 28:12). Ġakobb, meta fehem din il-ħolma, kompla jgħid: "Kemm hu tal-biża' dan il-post sagru. Dan mhux ħlief dar Alla, u dan bieb is-smewwiet" (Ġen 28:17).

Missirijiet il-Knisja, fit-tifsir allegoriku tagħhom – u hawn jaqbeż l-ewwel l-għaref Oriġene, missier l-iskola kateketika ta' Lixandra – fis-sellum ta' Ġakobb jaraw l-Inkarnazzjoni jew l-inżul ta' Sidna Ġesù Kristu mis-Sema għal fuq l-art. Issa din ix-Xemx tal-Ġustizzja, Kristu Sidna, kellha tidher permezz ta' "bieb", bieb li kellu jkun strumentali biex ir-raġġi tant qawwija tad-divinità ta' dik ix-Xemx jinksew b'ġisem uman. It-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa għażlet "bieb" wieħed li minnu kellha tgħaddi biex tinżel fid-dinja. Dan il- "bieb" ma huwa ħadd ħlief Marija. L-innu liturġiku Biżantin *Akatistos*, innu miktub bejn l-aħħar nofs tas-seklu ħamsa u l-bidu tas-seklu sitta, lill-Madonna jsellmilha preċiżament bħala bieb: "Ifraħ, *int il-bieb għall-misteru l-kbir*", filwaqt li fi strofa oħra l-awtur mhux magħruf ta' dan l-innu jerġa': "Ifraħ, int il-bieb tas-salvazzjoni". Din l-istrofa tal-*Akatistos*, li ġġib in-numru ħmistax, turi li kien meħtieġ li Alla jieħu l-ġisem minn Marija biex ikun jista' jsalvana, billi jħassar id-dnub u jiftħilna s-Sema. B'dan il-mod il-Maternità ta' Marija saret tassew il-"Bieb" li jdaħħalna fil-pussess tas-saltna ta' Kristu.

Dan il-kunċett insibuh ukoll fi tliet innijiet Latini. Fl-*Ave Regina Cœlorum*, Marija hija msejħa "bieb safi mnejn ġie dawl id-dinja". Fl-innu *Ave Maris Stella*, il-Knisja ssellem lil Marija bħala "bieb il-hena u ferħ tas-Sema". Hemm ukoll l-innu li jitkanta matul żmien l-Avvent u l-Milied, l-*Alma Redemptoris Mater*, "Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej", fejn f'vers minnhom dan l-innu jsellem hekk lil Marija: "Int bieb illi jagħti għas-Sema". San Efrem, li għex bejn is-snin 306 u 373, u li l-Papa Benedittu XV għamillu eloġju u sejjaħlu "arpa ta' melodiji ħelwin dwar Marija", lill-Madonna jsejħilha "Bieb il-Ħajja". U bir-raġun, għaliex kien minn dan il-bieb kollu kemm hu speċjali li waslet fostna l-ħajja dejjiema: "Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja". U naturalment din il-ħajja għaddiet minn dan il-"bieb" kollu speċjali biex aħna wkoll ikollna sehem mill-istess ħajja.

## Il-Bieb is-Sabiħ

Numru sabiħ ta' Missirijiet il-Knisja tal-Lvant lil Marija jsejħulha "il-Bieb is-Sabiħ". Il-pedament ta' dan it-tip ta' raġunament ġej minn dak il-bieb tat-Tempju ta' Ġerusalemm – illum magħluq – li qed iħares lejn il-Lvant. Dan l-istess bieb fl-Atti tal-Appostli jissejjaħ ukoll il-Bieb is-Sabiħ (Atti 3:2). Ir-raġuni prinċipali għal dan l-aġġettiv marbut sfiq ma' dan il-bieb hija għaliex hekk kif l-ewwel raġġi tax-xemx jispuntaw minn fuq il-muntanji ta' Mowab, dawn ir-raġġi fietla dritt jaqgħu fuq dan il-bieb tat-Tempju u jdawluh, jagħmluh donnu jixgħel. Interessanti kif minn fost it-tmien bibien li hemm fil-ħitan massiċċi li jdawru l-belt ta' Ġerusalemm, dan il-bieb huwa l-uniku wieħed magħluq. Barra dan, wieħed jinduna li l-kostruzzjoni tiegħu hija differenti minn tas-seba' bibien l-oħra tal-Belt il-Qaddisa. Huwa bieb li jġagħlek tieqaf quddiemu biex tosservah sew. Minħabba r-raġġi deħbija tax-xemx li filgħodu kmieni jaqgħu fuqu, bl-Ingliż dan il-bieb isibuh bħala *"The Golden Gate"*.

## Bieb magħluq għaliex Verġni

Quddiem din ir-realtà tal-bieb magħluq imma wkoll sabiħ arkitettonikament, il-Profeta Eżekjel jitkellem hekk dwaru: "U raġa' ħadni lejn il-bieb ta' barra tat-Tempju, li jħares lejn il-lvant: dan kien magħluq. U qalli: 'Dan il-bieb jibqa' magħluq: m'għandux jinfetaħ, u ħadd m'għandu jgħaddi minnu, għax

il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għadda minnu, għalhekk għandu jibqa' magħluq. Il-prinċep, għax hu prinċep, jista' joqgħod bilqiegħda fih, u jiekol l-ikel quddiem il-Mulej'" (Eżek 44: 1-3).

Dan il-bieb li huwa "magħluq" u jibqa' magħluq, għax huwa l-Bieb tas-Sultan, huwa tassew figura tal-verġinità perpetwa ta' Marija. Fejn jitkellem dwar il-verġinità ta' Marija ssimbolizzata fil-"bieb magħluq" li jħares lejn il-Lvant, jabeż bil-qawwa kollha San Ljun il-Kbir li bil-kuraġġ kollu joħroġ bil-formula teoloġikament tant profonda u vera dwar il-verġinità perpetwa ta' Marija. Marija hija *"virgo conceperit, virgo pepererit, virgo permanserit"*, li jfisser li Marija hija verġni qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid. Dwar dan il-Bieb tas-Sema, jiġifieri Marija, imma magħluq minħabba l-verġinità, jitkellem ukoll bil-qawwa San Ċirillu, Isqof ta' Lixandra, fil-Konċilju ta' Efesu, mela fis-sena 321: "Insellmulek, Marija, Omm Alla, teżor ta' ġieħ tad-dinja kollha, dawl li ma jintefiex, djadema tal-verġni, xettru tat-tagħlim sewwa, **bieb tas-Sema**, tempju li ma jiġġarrafx, post li lqajt fik lil min xejn ma jesgħu, omm u xebba, li bik ġie fostna dak li hu mbierek min ġej f'isem il-Mulej, kif jgħidu l-Evanġelji Mqaddsa". Dan it-tagħlim hekk ċar ta' San Ċirillu jkompli jsaħħaħ is-sbuħija u l-profondità tat-titlu "Bieb tas-Sema" applikat għal Marija.

## Bieb miftuħ beraħ għax Omm

Iżda jekk xi wħud minn Missirijiet il-Knisja, dejjem minħabba r-rispett lejn Marija, isejħulha "bieb magħluq", oħrajn f'Marija jaraw ukoll dak il-"bieb" miftuħ beraħ biex minnu jgħaddu t-twajbin u jidħlu fis-saltna tat-tgawdija. Dawn is-Santi Padri kienu jafu sewwa li l-"Bieb Magħluq" tal-Profeta Eżekjel kienet l-istess Omm Alla. Sant'Ambroġ isejjaħ lil Marija "il-Bieb li minnu Kristu ġie fid-dinja, meta dan ingħata bi twelid verġinali mingħajr ma ntilfu s-sinjali tal-verġinità". San Ġirolmu kiteb hekk: "Il-Mulej, is-Sultan tal-glorja, jinżel hu nnifsu fil-ġuf tal-Verġni, u jidħol u joħroġ mill-Bieb tal-Lvant li huwa dejjem magħluq".



Mela Marija hija tassew dak il-bieb li minnu u permezz tiegħu wieħed isib it-triq li twasslu għas-Sema. Biss il-fundament ta' dan kollu qiegħed fil-fatt li kien Ġesù nnifsu li minn fuq is-salib, meta ma kien fadallu xejn x'jagħtina, idur fuq Ġwanni u jgħidlu: "Hawn hi ommok" (Ġw 19:27). U l-evanġelista jkompli jżid nota tassew importanti: "U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu", jew forsi aħjar kif jittraduċiha I. De La Potterie, "ħadha fl-intimità tiegħu". Għalhekk, minn dak il-waqt 'il quddiem, Marija saret tassew l-għajnuna, il-wens u l-faraġ ta' kull min jirrikorri għandha. Mela, fi kliem teoloġiku, Marija saret il-"bieb" li minnu jgħaddu l-grazzji kollha li Sidna Ġesù sawwab minn fuq is-Salib. Marija hija "il-Bieb tas-Sema" li minnu jgħaddu t-teżori tal-Ġenna u jaslu għandna, il-bieb li jippermettilna nduqu l-frott tal-Fidwa.

Fil-ktieb tal-Proverbji naqraw hekk: "Hieni l-bniedem li jismagħni, li jishar kuljum wara biebi, li jgħasses kuljum mal-għatba ta' biebi; għax min isib lili jsib il-ħajja, u jikseb l-imħabba tal-Mulej" (Prov 8:34-35). Marija hija l-"Bieb" li minnu Ġesù għadda biex seta' jiġi għandna u hija wkoll il-bieb li minnu aħna nistgħu nidħlu fit-tgawdija dejjiema. ♦

# Il-Litanija tal-Madonna

minn John Formosa




Il-Litanija tikkonsisti f'serje ta' petizzjonijiet jew invokazzjonijiet qosra, kantati jew irre'itati minn min jippresiedi, li għalihom il-fidili jwieġbu b'vers responsorjali fiss, bħal: *"ħenn għalina"*, jew *"itlob għalina"*.

Fil-Knisja Kattolika jingħadu diversi litaniji. L-aktar waħda qadima hija dik tal-Qaddisin, li tingħad f'ċirkustanzi speċjali, bħal ngħidu aħna waqt l-ordinazzjoni ta' isqof jew ta' saċerdoti ġodda. Hemm litaniji indirizzati lil Alla, bħalma hi dik tal-Ħniena Divina, jew lil Ġesù Kristu, bħalma huma dawk tal-Qalb ta' Ġesù (approvata mill-Papa Ljun XIII fl-1899) u tad-Demm Imqaddes (approvata mill-Papa San Ġwann XXIII fl-1960). Hemm diversi litaniji ddedikati lill-Verġni Mbierka. Hemm ukoll litaniji lil xi qaddisin partikulari, bħal ngħidu aħna lil San Ġużepp (approvata mill-Papa San Piju X fl-1909).

Il-Litaniji kważi kollha jibdew l-istess (*Mulej, ħniena...*) u jispiċċaw ukoll l-istess (*Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja...*).

F'din il-kitba qasira se nitħaddtu fuq Litanija waħda minn dawk iddedikati lil Ommna Marija, u preċiżament dik imsejħa "Lawretana", li ġeneralment tingħad wara t-talba tar-Rużarju. Din hija l-aktar magħrufa fost il-litaniji kollha lill-Madonna u x'aktarx ħafna minna nafuha bl-amment.

## "Lawretana"

Il-kelma *Lawretana* hi aġġettiv li tfisser ta' Loreto, isem ta' belt fl-Italja Ċentrali. Hawnhekk jinsab is-santwarju famuż li fih tinżamm b'għożża kbira l-kamra li Marija kellha f'Nazareth - u allura fejn saret it-Tħabbira ta' Gabrijel lill-Madonna.

Il-Litanija ma tissejjaħx "Lawretana" għax kellha bidu f'dan is-santwarju għażiż, imma għaliex kien il-post minn fejn saret ċelebri, billi kienet titkanta fih spiss matul il-ġimgħa sa mill-inqas is-sena 1558. Fil-fatt din il-litanija kienet diġà teżisti minn ħafna snin

qabel. Hu kważi ċert li l-litanija kellha bidu bejn is-snin 1150 u 1200 u oriġinat f'Pariġi jew f'dawk l-inħawi.

Minn Loreto, il-Litanija malajr xterdet ma' diversi pajjiżi permezz tal-eluf kbar ta' pellegrini li kienu jżuru s-santwarju, li dawn min-naħa tagħhom kienu jintroduċuha fil-knejjes rispettivi tagħhom.

Fil Litanija Lawretana nsibu ħafna titli ta' tifħir lil Ommna tas-Sema li bihom il-poplu Nisrani jfaħħar l-azzjoni ta' Alla f'Marija u fil-Knisja. Ħafna mid-diversi titli jafu l-bidu tagħhom mill-Knisja Orjentali, l-aktar lill-innu *Akatisthos*, li kien inqaleb l-ewwel darba mill-Grieg għal-Latin u ppubblikat f'Venezja ħabta tas-sena 800. Dan l-innu famuż *Akatisthos* kien maqlub ukoll bil-Malti, l-ewwel mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi u wara minn Mons. Karm Sant.

## Litanija tal-bidu

Il-forma l-aktar antika li waslitilna tal-Litanija Lawretana fiha 73 invokazzjoni lill-Madonna. Ħafna minnhom għadna nużawhom sal-lum, imma kien hemm ukoll titli oħrajn, b'kollox madwar ħmistax, li tħallew barra għal kollox u li ma nsibuhomx fil-litanija li nużaw illum. Hekk, ngħidu aħna, kien hemm eloġji bħal: *flos virginitas*, *forma sanctitatis* (fjur tal-verġinità, mudell tal-qdusija), *hymnus cœlorum*, *luctus infernorum* (innu tas-smewwiet, luttu tal-infern). Titli oħrajn li ma għadhomx jingħadu kienu: "Sinjura tal-Umiltà", "Tempju tal-Ispirtu", "Bieb tal-Fidwa", u "Sultana tad-Dixxipli".

Fl-1587 il-Papa Sistu V stabbilixxa kif kellha tkun il-Litanija ta' Loreto għall-Knisja kollha billi, permezz ta' digriet pontifiċju, approva 43 titlu mit-73 li kien hemm qabel. Dan l-istess Papa jibqa' marbut ma' Loreto għax kien hu li waqqafha bħala djoċesi u anki bena l-faċċata maestuża tas-santwarju.

Imma jkollna ngħidu li f'xi santwarji Marjani u f'xi kongregazzjonijiet reliġjużi, xorta waħda baqgħu jgħidu l-Litanija b'invokazzjonijiet diversi. Ġie għalhekk preskritt li fil-Litanija jkun hemm konformità fil-Knisja Latina kollha. Kien il-Papa Klement VIII li fl-1601 iffissa t-test uffiċjali tal-Litanija Lawretana u pprojbixxa li jkun hemm żidiet ta' invokazzjonijiet oħra.

Dan wassal biex il-Litanija tkun kullimkien l-istess, għalkemm f'xi postijiet dan ma seħħx mill-ewwel, bħal ngħidu aħna f'Venezja, li kellhom litanija qadima propja għalihom, imma anki dawn maż-żmien adottaw il-Litanija uffiċjali.

Mal-mixja tas-snin xi Papiet ikkonċedew xi tibdil, bħal ngħidu aħna għall-belt ta' Lima fil-Perù. Barra minn dan, xi Papiet matul is-snin daħħlu fil-Litanija invokazzjonijiet ġodda biex jingħadu mill-Knisja universali - kif se nsemmu aktar 'il quddiem.

## Il-Litanija Lawretana llum

Il-binja attwali tal-Litanija Lawretana hija simili għal dik Medjevali li minnha ħarġet. Fiha b'kollox 51 invokazzjoni qasira imma qawwija; fl-oriġinal Latin ġeneralment dawn jikkonsistu f'żewġ kelmiet biss.

Dawn l-invokazzjonijiet nistgħu naqsmuhom f'sitt gruppi:

1) Invokazzjonijiet tal-bidu, tlieta b'kollox, fejn Marija hija mogħtija t-titlu ta' *Sancta* = *Qaddisa* jew, fit-traduzzjoni tal-Litanija bil-Malti (aktarx magħmula mill-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila), *Imqaddsa*: *Imqaddsa Marija - Imqaddsa Omm Alla - Imqaddsa Xbejba tax-Xbejbiet*. Dawn huma meħudin kelma b'kelma mil-Litanija tal-Qaddisin.

2) Grupp ta' tnax-l invokazzjoni kollha jibdew bil-kelma *Mater* = *Omm*, uħud minnhom b'aċċent teoloġiku, bħal *Omm ta' Kristu*, *Omm ta' Min ħalaqna*, *Omm ta' min salvana*; oħrajn għandhom ton ta' tifħir, bħal *Omm tal-għaġeb*, jew joħorġu minn kontemplazzjoni kollha mħabba għall-maternità divina u verġinali, bħal *Omm u Verġni* jew *Omm li tistħoqq l-imħabba*, u l-bqija. Ta' min josserva li fl-aħħar ta' dan il-grupp, xi postijiet l-Italja

jżidu l-invokazzjoni *Mater Misericordiæ* (*Omm il-Ħniena*). Din l-invokazzjoni tidher ukoll fil-Litanija li hemm fuq il-websajt tal-Vatikan.

3) Grupp ta' sitt invokazzjonijiet kollha jibdew bil-kelma *Virgo = Verġni (Xebba)*, u jenfasizzaw il-prudenza, il-ħniena, il-fedeltà u s-setgħa tagħha, bħal *Verġni kollok għaqal*, *Verġni li wisq tista'*, *Verġni dejjem marbuta ma' Alla*, u l-bqija.

4) Jiġi mbagħad grupp ta' tlettax-l invokazzjoni meħudin jew mill-Bibbja, bħal *Tron tal-Għerf*, *Arka tar-Rabta l-Ġdida*, jew mill-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, bħal *Għamara ta' kull Tjieba.*

5) Grupp ta' erba' invokazzjonijiet juru lil Marija bħala dik li lejHa l-Insara jirrikorru fil-bżonnijiet tagħhom tar-ruħ u tal-ġisem, bħal *Saħħa tal-Morda*, *Kenn tal-Midinbin*, *Faraġ tal-Imnikktin.*

6) Fl-aħħar nett grupp ta' tlettax-l invokazzjoni li fihom Marija hija msejħa *Regina = Sultana.* Dawn jew ifaħħru l-qdusija għolja tagħha, bħal *Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa*, jew tiġi ċċelebrata bħala Sultana ta' diversi kategoriji ta' Qaddejja ta' Alla: Anġli, Patrijarki, Appostli, Martri, u l-bqija.

Fi tmiem il-Litanija, wara li nitolbu l-ħniena ta' Alla kif konna għamilna fil-bidu, issir l-*Oremus*, jew *Talba*. Hemm diversi minn dawn, biex jingħadu skont l-istaġun liturġiku. Issib ukoll min juża l-istess *Oremus* li tingħad fi tmiem l-Angelus, li hija wkoll adattata bħala għeluq.

## Invokazzjonijiet ġodda

Kienu diversi l-Papiet li daħħlu invokazzjonijiet ġodda fil-Litanija Lawretana, kif jidher hawn taħt.

Il-Papa San Piju V kien l-ewwel wieħed li żied waħda minnhom: *Auxilium Christianorum* (Għajnuna tal-Insara) wara r-rebħa tal-Insara fuq il-Misilmin fil-Battalja ta' Lepanto li ġrat fl-1571. Fl-1768 il-Papa Klement XIII daħħal *Mater Immaculata* (Omm bla tebgħa) fuq talba tar-Re ta' Spanja Karlu III. Fl-1854, wara l-proklamazzjoni tad-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata, il-Papa Beatu Piju IX daħħal l-invokazzjoni *Regina sine labe originali concepta* (Sultana Mnissla mingħajr ħtija). Fl-1883, il-Papa Ljun XIII żied *Regina sacratissimi Rosarii* (Sultana tar-Rużarju Mqaddes). Dan il-Papa, devot kbir tar-Rużarju, ħareġ diversi enċiklići fuq ir-Rużarju u ddedika x-xahar ta' Ottubru lilu. Fl-1903 dan l-istess Papa daħħal ukoll *Mater boni consilii* (Omm tal-Parir it-Tajjeb) bħala omaġġ għas-santwarju ta' Genezzano, il-pajjiż fejn twieled. Fl-1915, waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Papa Benedittu XV żied *Regina pacis* (Sultana tal-Paċi). Fl-1950 il-Papa Piju XII, wara x-xandir tad-Domma tal-Assunzjoni, żied *Regina in cælum assumpta* (Sultana Mtellgħa fis-Sema). Fl-1980 il-Papa San Ġwanni Pawlu II żied *Mater Ecclesiæ* (Omm il-Knisja), u fl-1995 żied *Regina familiæ* (Sultana tal-Familji).

## Il-Litanija Lawretana fl-Arti

Ma jistax jonqos li l-Litanija Lawretana ma tkunx ukoll marbuta mal-arti, kemm dik viżiva u kemm dik mużikali. Fost il-pitturi li ħallew stampi importanti tal-invokazzjonijiet tal-Litanija Lawretana nsemmu lill-aħwa Klauber (li ffjorixxew bejn nofs is-seklu tmintax u nofs is-seklu dsatax), li l-inċiżjonijiet tagħhom għadhom imfittxijin ħafna. Dwar il-Litanija mmużikata nsemmu fost oħrajn lil Wolfgang Amadeus Mozart (1756-1791) li fl-1771 immużika l-Litanija għal erba' vuċijiet, kompożizzjoni orkestrali li għadha magħrufa sal-lum.

Inkitbu kummentarji u meditazzjonijiet fuq il-Litanija minn diversi awturi magħrufa, uħud minnhom biex iservu ta' qari spiritwali għal Mejju u/jew Ottubru. Fost dawn insemmu l-ktieb riċenti *Le Litanie della Vergine Maria: Commento biblicospirituale* ta' Guillermo Pons, Edizioni Paoline, 2003, (224 pp.), li ħareġ oriġinarjament bl-Ispanjol fl-2001. Anki l-Qaddej ta' Alla Mons. Emanuel Galea (1891-1974), fl-okkażjoni tal-ewwel Sena Marjana, kiteb kummentarju

(Ikompli f'paġna 13)



# Lejn il-Beatifikazzjoni tal-Papa Pawlu VI

minn Mons. Renato Borg

## Papa li kellu devozzjoni kbira lejn il-Verġni Mbierka

F'għeluq is-Sinodu Straordinarju dwar il-Familja li ser isir f'Ruma fl-ewwel tliet ġimgħat ta' Ottubru, il-Papa Franġisku fid-19 ta' Ottubru 2014 ser jibbeatifika lill-Papa Pawlu VI, li qeda l-Knisja ta' Kristu għal ħmistax-il sena bħala Suċċessur ta' Pietru, mill-1963 sal-1978, meta miet fis-6 ta' Awwissu f'Kastell Gandolfo.

### It-tagħlim ta' Pawlu VI dwar il-Verġni Mbierka

Forsi meta wieħed isemmi d-devozzjoni tal-Papa Pawlu VI lejn il-Madonna, l-ewwel li jiġih f'moħħu hija l-Eżortazzjoni Appostolika *Marialis Cultus* tat-2 ta' Frar 1974. Iżda barra din l-ittra, li nistgħu ngħidu li naqqxet b'ittri tad-deheb l-isem tal-Papa Pawlu VI fil-letteratura Marjana, insibu sensiela ta' ittri oħra li jitkellmu dwar xi devozzjonijiet marbutin mal-qima li l-Insara jagħtu lill-Verġni Mbierka. Fosthom ta' min isemmi: l-Enċiklika *Mense Maio* (29 ta' April 1965), l-Enċiklika *Christi Matri* (15 ta' Settembru 1966), u l-Eżortazzjoni Appostolika *Signum Magnum* (13 ta' Mejju 1967). Isem il-Papa Pawlu VI huwa marbut ukoll mat-titlu li huwa żied fil-Litanija Lawretana, titlu li bih ried li l-Verġni Mbierka tiġi msejħa mill-Insara kollha *"Mater Ecclesiæ"* – Omm il-Knisja (Diskors tat-18 ta' Novembru 1964, kif ukoll is-*Solemnis professio fidei* tat-30 Ġunju 1968). Nistgħu ngħidu li kif il-Papa Piju IX għadda fl-istorja bħala l-Papa tal-Immakulata, u Piju XII bħala l-Papa tal-Assunta, Pawlu VI huwa dak il-Papa li jibqa' mfakkar fl-istorja bħala dak li skopra mill-ġdid u li pproklama l-Verġni Mbierka bħala "Omm il-Knisja". Il-qalba tal-Marjoloġija tal-Papa Pawlu VI hija dik li l-Knisja ta' kull żmien ħadet direttament mill-Vanġelu, jiġifieri l-istqarrija tal-Maternità Divina ta' Marija (*Ecclesiaæ Mater*, 30 ta' Ġunju 1965, 1, p. 5).

## Il-Konċilju Vatikan II u l-Kredu tal-Poplu ta' Alla

Wieħed ma jridx jinsa s-sehem kbir li ta l-istess Papa fil-Konċilju Vatikan II dwar it-tagħlim li nsibu dwar Marija fil-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* (kapitlu 8, 52-69). Il-Papa Pawlu VI kien ukoll dak il-Papa li fis-sena 1968, fi żmien ta' taqlib kbir fil-ħajja soċjali u ekkleżjali, żmien ta' diffikultajiet kbar għall-Knisja, għamel l-Istqarrija tal-Fidi f'isem ir-Rgħajja u l-Insara kollha (30 ta' Ġunju 1968) biex jafferma l-punti essenzjali tal-fidi li b'xi mod jew ieħor kienu qegħdin jiġu mhedda jew ikkontestati mill-kultura ta' żminijietu. Din l-istqarrija hija magħrufa bħala "Il-Kredu tal-Poplu ta' Alla". Tajjeb li wieħed jinnota li din kienet l-ewwel darba li fil-Kredu kien qiegħed jiġi mdaħħal l-element Marjoloġiku, anzi espożizzjoni duttrinali vera u propja. Din il-ħaġa hija ta' sinifikat kbir (nri 14 u 15) għaliex tagħraf li l-misteru ta' Marija jinsab f'salib it-toroq tal-veritajiet Insara, fi qbil mat-Tradizzjoni kollha tal-Knisja kemm Orjentali u kemm Oċċidentali. F'dawn iż-żewġ paragrafi l-Papa Pawlu VI għamel ġabra ta' dak li tgħallem u tħaddan il-Knisja dwar Marija, kif ukoll għamel xi preċiżazzjonijiet duttrinali. Titlu ieħor li bih kien iħobb isejjaħ lil Marija kien dak ta' "oħtna" (ara *Insegnamenti di Paolo VI,* 8 ta' Diċembru 1963, 21 ta' Novembru 1964, 2 ta' Frar 1974, 8 ta' Diċembru 1968, 8 ta' Diċembru 1971, 8 ta' Diċembru 1973).

## Iben devot tal-Omm tas-Sema

F'dan li għadni kif semmejt ma għamilt xejn ħlief xtaqt nuri kemm tassew il-Papa Pawlu VI għandu bid-dritt kollu jitqies bħala Papa Marjoloġiku, u barra minn hekk, kif kien iħobb isejjaħ lilu nnifsu "iben devot tal-Omm tas-Sema". Il-kitbiet Marjoloġiċi tiegħu huma kkaratterizzati min-naħa l-waħda mir-riflessjoni profonda u sottili, u fl-istess ħin mid-devozzjoni ġenwina u awtentika li dan il-Papa wiret kemm mill-familja u kemm min-naħa ta' fuq tal-Italja (Brescia), fejn irċieva l-ewwel formazzjoni tiegħu. Pawlu VI, f'Jannar tas-sena 1964, kien għamel



pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, u fost il-postijiet li żar għamel żjara fid-dar ta' Nazareth, id-dar tal-Familja Mqaddsa, u fit-13 ta' Mejju 1967 kien għamel pellegrinaġġ Fatima.

Peress li dan l-artiklu qiegħed jidher fuq ir-rivista *Madonna Ta' Pinu*, xtaqt niddedika t-tieni parti tal-artiklu billi nippreżentalkom ir-riflessjoni li l-Papa Pawlu VI kien għamel fl-okkażjoni tal-festa tal-Assunta, nhar il-15 ta' Awissu 1966.

## Stagħġib quddiem il-misteru tat-Tlugħ tal-Verġni Mbierka fil-Ġenna bir-ruħ u l-ġisem

F'din l-omelija l-Papa jibda biex josserva li aħna m'aħniex kapaċi nimmaġinaw dik li hija l-glorja ta' Marija Santissma fil-Ġenna. Huwa veru li aħna ħafna drabi nipprovaw nesprimu din il-glorja ta' Marija b'kelmiet li jirrispettaw il-verità, iżda li fir-realtà ma

jirnexxilhomx jesprimu s-sbuħija u l-kobor ta' dak li qiegħda tgawdi Marija. Il-Papa Pawlu VI, qisu tifel żgħir jikkontempla s-sbuħija ta' Ommu, jistqarr li "aħna lanqas biss jirnexxielna naħsbu fil-milja ta' ħajja li biha jiġu fit-tmiem il-misteri ta' Marija, il-glorja tagħha fis-Sema". Karatteristika tal-Papa Pawlu VI kienet il-kapaċità li japplika l-misteri tal-fidi Nisranija għall-bniedem ta' żmienu. Dan jagħmlu billi fl-omelija jgħid li l-Mulej ried jantiċipa f'Marija dak li wiegħed lil kull wieħed minna; il-Qawmien "ta lil Ommu fil-Ġenna l-milja tal-ħajja, fir-ruħ u l-ġisem, li Kristu diġà żgura għalih innifsu fil-lemin tal-Missier". Għad li forsi wieħed jista' jibqa' mistagħġeb b'dan id-dawl hekk kbir, imma huwa possibbli, josserva l-Papa, li wieħed jiġbor nota għolja ta' konsolazzjoni fuq il-Madonna, billi jimxi fuq dak li jgħallem il-Konċilju Vatikan II.

## Il-Kapitlu 8 tal-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium*

Dwar il-Konċilju Vatikan II il-Papa Pawlu VI jgħid li l-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium*, id-dokument li, kif isejjaħlu l-Papa, "huwa l-iktar importanti fost id-dokumenti kollha", tagħlaq b'kapitlu dwar il-Madonna. Dan hu kapitlu li juri t-titli li jagħtu d-dritt għall-qima li l-Verġni Marija għandha tingħata minna u kull misteru li jakkumpanja dawn it-titli, mid-dehra meraviljuża ta' din il-ħlejqa fl-istorja tal-bniedem għall-missjoni li s'issa għadha twettaq fil-pjan kbir tas-salvazzjoni. Il-Papa jgħid li huma ħafna l-aspetti li bihom wieħed jista' jikkunsidra dan "l-esseri inkomparabbli, uniku: il-Madonna", iżda l-Konċilju b'mod partikulari ried li jikkunsidraha fir-relazzjoni tagħha ma' Kristu u fir-relazzjoni tagħha mal-Knisja: "F'relazzjoni ma' Kristu, Marija hija Omm ir-Redentur, Dik li ġabitu fid-dinja, u għalhekk hija marbuta mal-misteru l-kbir tal-Inkarnazzjoni, mhux biss f'xi episodji, esternament u b'mod superfiċjali, iżda b'mod essenzjali; Marija hija Omm Kristu". L-aspett l-ieħor, li huwa xi ftit iktar diffi'li biex nagħrfuh iżda li kien dejjem għal qalb il-pjetà Nisranija, huwa dak li jara lil Marija f'relazzjoni mal-Knisja: "Marija mhix biss l-Omm ta' Kristu, iżda wkoll l-Omm spiritwali tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, jiġifieri tal-Knisja: Marija, *Mater Ecclesiæ*!".

## F'relazzjoni ma' Kristu

Kif diġà semmejna iktar 'il fuq, meta l-Papa Pawlu VI jitkellem fuq xi misteri tal-Knisja Kattolika huwa jfittex dejjem biex jara dawn xi jridu jgħidu lill-bniedem tal-lum. Għal tmiem l-omelija huwa jistaqsi: "Xi jrid jara l-Konċilju f'Marija? U x'għandna naraw aħna?". Il-Konċilju jieqaf jikkontempla l-eżemplarità ta' Marija, x'tip kienet Marija, biex jurina u jwassalna biex naraw f'Marija eżempju mill-isbaħ, mudell u mera li jirrifletti l-perfezzjonijiet ta' Alla: "Il-Madonna tista' tkun ikkontemplata, onorata u magħrufa bħala eżempju tagħna, l-ogħla wieħed, sħiħ, li jilma bi ħlejqa, opra ta' Alla". Il-Papa Pawlu VI jgħid li l-umanità għandha bżonn ta' dan il-prinċipju hekk ħaj, iktar u iktar fiż-żmien li fih qegħdin ngħixu li fih "intilef il-kunċett veru tal-bniedem". F'din il-parti tal-omelija, il-Papa Pawlu VI juri s-sensibbiltà u l-kapaċità li kellu li jaqra s-sinjali ta' żminijietu: "L-umanità fi żmienna tidher waħda mwaqqgħa, imħassra, bid-dnub oriġinali li daħal f'kull fergħa tas-siġra kollha tal-ħajja tagħna f'din id-dinja. U meta nagħmlu xi studji dwar il-bniedem – illum huma moda ħafna r-riċerki u l-analiżi ta' din ix-xorta – insibu għadd kbir ta' imperfezzjonijiet, miżerji, kumplessi; elementi li għad li huma nobbli u għolja, hemm imħallta magħhom nuqqasijiet profondi. Il-qaddisin, il-ħassieba raw dan kollu u rrapportawh; iż-żmien modern poġġieh fejn jidher b'mod ċar". Il-Papa jistaqsi x'konklużjoni nistgħu naslu għaliha meta napplikaw dawn il-kriterji fl-istudju ta' Marija. Alla ħalaq lill-bniedem xbieha tiegħu, "ritratt, xebh ta' Alla". Din il-propjetà tal-bniedem li huwa rifless (bħal mera) ta' Alla f'Marija hija għal kollox perfetta. Għalhekk, jikkonkludi l-Papa, "ejjew inħarsu lejn il-Madonna, u aħna u niġbru r-rifless immedjat tas-sbuħitha verġni, pura, innoċenti,



immakulata, mit-twelid, primordjali; fir-realta ma naslux biex nagħrfu eżattament jekk din il-ħlejqa li tilma kienitx tassew mogħtija lilna".

## F'relazzjoni mal-Knisja

Fid-dawl ta' dan l-aspett, il-Madonna narawha bħala dik li għandha tiġi imitata, narawha bħala l-figura u l-forma tat-tip tal-Knisja. Dawn huma kunċetti li l-Papa Pawlu VI jieħu mill-Missirijiet tal-Knisja, b'mod partikulari minn Sant'Ambroġ li jgħid li Marija hija *"typus Ecclesiæ"* (ix-xbieha tal-Knisja), u minn Santu Wistin li jirrepeti bi kliem iktar ċar u inċiżiv l-istess kunċett. Marija hija xbieha tal-Knisja għaliex hija membru tal-Knisja: anki Marija hija bint tal-Knisja u tagħmel parti mill-Knisja. Iżda fl-istess ħin Marija tiġbor fiha dawk id-doti li l-Mulej ta lill-għarusa mistika tiegħu li hija l-Knisja: il-verġinità flimkien mal-maternità. F'Marija nsibu fi grad iktar mimli l-qdusija li tgawdi l-Knisja. Marija hija per eċċellenza s-Sultana, il-Mera tal-ġustizzja, l-Istilla tas-sebħ, Dik li lejha l-Knisja kollha torjenta ruħha, meta trid tenfasizza s-sejħa għolja tagħha li tkun dejjem u kullimkien kollha kemm hi ta' Kristu. Dan iwassalna biex infittxu li naraw dawk l-aspetti kollha li jinsabu f'Marija li jagħmluha għalina għalliema u li aħna msejħin nimitaw, bħalma huma l-fidi, it-tama u l-karità, jiġifieri dawk il-virtujiet li jgħaqqduna ma' Alla. Marija kienet ħaġa waħda ma' Alla u ma' Binha Ġesù. F'Marija nistgħu naraw ukoll dawk il-virtujiet l-oħra li l-Papa Pawlu VI isejħilhom "virtujiet umani li jidhru li huma umli u iktar aċċessibbli għalina l-foqra li qegħdin interrqu fuq din l-art". Il-festa tal-Assunta għandha tħeġġiġna lkoll biex insaħħu fina x-xewqa li lkoll kemm aħna nkunu "dixxipli, studenti, ulied, dixxipli ta' Omm hekk kbira".

## Il-bniedem tal-lum ma jħossx il-bżonn li jimita għax iħoss li hu biżżejjed għalih innifsu

Pawlu VI josserva li l-bniedem tal-lum mhux faċli għalih jaċċetta dik il-pedagoġija superjuri li jimita; l-imitazzjoni "ma ssibx il-kunsens tal-bniedem modern". Il-bniedem irid ikun biżżejjed għalih innifsu u huwa mimli bih innifsu. Żgur li m'għandux f'moħħu li jistaqsi lill-oħrajn kif għandu jesprimi u jġib ruħu; huwa jippretendi li jġib minnu nnifsu dak kollu li jista' jifforma l-oġġett tal-aspirazzjonijiet tiegħu. Nistgħu niġbru dan il-fenomenu tal-bniedem tal-lum fis-sentenza, li qajmet xi ftit polemika: "Il-bniedem modern għandu l-kult tal-personalità propja tiegħu. Jiddikjara lilu nnifsu 'egoċentrista' u jrid jiżviluppa lilu nnifsu bl-imġiba propja tiegħu. Ħafna drabi bil-kapriċċi, il-passjonijiet, l-istinti u xewqat oħra li mhux dejjem huma leċiti; irid jilħaq il-milja tiegħu nnifsu unikament bih innifsu". Il-bniedem modern li jippreżenta Pawlu VI ma jridx li jimmudella ħajtu fuq xi ħadd ieħor, ma jridx li jkun rifless ta' xi eżempju mill-ħajja ta' persuni oħra; "il-bniedem modern ma jridx ifittex il-bniedem perfett u ma jridx jistqarr: 'Hawn ara l-bniedem perfett, l-eroj, l-appostlu, il-qaddis'. Għall-kuntarju, il-bniedem ikompli jqis lilu nnifsu sodisfatt bil-ħiliet tiegħu biss u bil-ġenju tal-iżvilupp li jħoss magħluq f'ruħu biss". Analiżi simili tal-bniedem modern insibuha diversi drabi, anzi nistgħu ngħidu li hi komuni fil-kitbiet u fl-omeliji tal-Papa Pawlu VI, tant li xi drabi ġie akkużat li huwa persuna pessimista u li għandu viżjoni negattiva tal-ħajja. Imma wieħed ma jridx wisq biex jintebaħ kemm l-analiżi ta' Pawlu VI mhux biss hija korretta, iżda saħansitra għadha attwali sal-lum, għax hija mibnija fuq dak li hu tassew il-bniedem u għalhekk għandha minn dak li aħna nsejħulu element profetiku.

Minkejja li l-bniedem modern jippreżenta ruħu b'dan il-mod, il-Papa Pawlu VI jistqarr li fir-realtà mhux veru li l-bniedem huwa kuntent bih innifsu u li ma għandux iktar fih is-sens, il-gost, il-ħtieġa tal-imitazzjoni, anzi xi drabi jħoss dan il-bżonn b'mod eċċessiv. Pawlu VI ikompli josserva li "m'hemmx dubju li fi żminijietna teżisti propaganda wiesgħa għall-iżvilupp tal-personalità; iżda fl-istess ħin, u dan ninnotawh l-iktar fiż-żgħażagħ tagħna, irridu noqogħdu flimkien, sikwit nimitaw u nimmudellaw ħajjitna fuq dik ta' oħrajn, niġru wara dawk li huma meqjusa bħala 'divi'". Dan minkejja li ħafna drabi ċerti persunaġġi lanqas biss ta' min isemmihom, aħseb u ara kemm huma ta' min jimitahom. Iżda dan il-fenomenu illoġiku u kuntradittorju jeżisti. In-nies tfittex tip, mudell, figura ta' dak jew ta' dik li b'xi mod jippersonifika l-mod kif jgħixu u jfasslu ħajjithom.

## Il-pedagoġija tal-Knisja

Minn dan li għidna jidher ċar li l-pedagoġija tal-Knisja (il-formazzjoni) li tressaq lill-bniedem lejn ideal li fuqu jimxi, mhix xi pedagoġija li għadda żmienha (anakronistika) jew inkella barra miż-żmien. Anzi nistgħu ngħidu li għall-kuntrarju din il-pedagoġija twieġeb bis-sħiħ għall-ispirazzjonijiet tal-qalb umana. Ilkoll kemm aħna, inklużi ż-żgħażagħ, għandna għatx għas-sbuħija, għall-kobor, għad-dinjità morali, għall-eroiżmu, għat-tjubija u għal dak kollu li jagħti interpretazzjoni tajba u eżawrjenti tad-definizzjoni tal-bniedem. Fuq din l-osservazzjoni, il-Papa Pawlu VI jikkonkludi li għandna "nistiednu lil kulħadd biex iħares lejn l-Omm, lejn Dik li tippersonifika verament l-idea oriġinarja u awtentika ta' min hu verament il-bniedem; xbieha ta' Alla. Ħares lejn Marija li hija mudell tal-Knisja u, hi li mimlija bil-grazzja, għandha fiha nfisha dak kollu li l-Knisja tista' tagħti. Kun ammiratur, kun kapaċi tfittex, tal-anqas b'xi sentiment, b'xi nostalġija tajba, dan l-ideal hekk safi ta' umanità li hija l-Madonna; li togħla u li ddur lejha permezz ta' xi talba".

Fl-aħħar tal-omelija l-Papa Pawlu VI jiftakar episodju ta' ċkunitu. Jgħid li fil-bitħa tal-iskola, fuq ħajt prinċipali, il-Ġiżwiti kienu poġġew statwa tal-Madonna u taħtha l-kelmiet: "Marija, mis-Sema, ħares fuq uliedek". Hija frażi sabiħa ħafna li ssejħilna biex min-naħa tagħna nwieġbu minn hawn fl-art: "Inħarsu lejk, o Marija". Li nammiraw u nimitaw lil Marija huwa tassew ġest konsolatorju u fl-istess ħin li jorjentana. Ħarsa li tmexxina lil hinn mill-ħajja tagħna fuq din l-art u tifthilna quddiemna l-futur etern.♦

(ikompli minn paġna 8)

## Il-Litanija tal-Madonna

fuq kull invokazzjoni tal-Litanija. Dawn dehru waħda waħda fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa.*

## Il-Litanija tal-Madonna llum

F'din il-kitba aħna kkonċentrajna fuq il-Litanija Lawretana, imma, kif ġa semmejna qabel, barra minnha hemm litaniji oħrajn iddedikati lill-Madonna, bħalma huma ngħidu aħna l-Litanija tad-Duluri, il-Litanija ta' Marija Reġina, il-Litanija ta' Lourdes, u tant oħrajn.

Anki l-qaddis Malti San Ġorġ Preca, devot kbir tal-Verġni Marija, ħalla għall-użu privat tal-membri tal-Għaqda tiegħu, tliet Litaniji Marjani. Dawn inkitbu oriġinarjament kollha bil-Latin u huma dawn: (a) il-*Vestis Honoris* (Libsa ta' Ġieħ), miktuba fl-1924, li Dun Ġorġ xtaq li l-membri tiegħu jkantawha tliet darbiet fix xahar; (b) *Melliflua*, miktuba ħabta tas-sena 1930; u (ċ) Litanija *Aulæ Sancte Matris Virginis*, li kiteb fl-okkażjoni tal-ewwel Sena Marjana 1954.

Minn wara l-Konċilju Vatikan II 'l hawn dehru diversi litaniji ġodda f'ġieħ il-Madonna, b'titli mibnijin fuq il-Bibbja u fuq dokumenti riċenti tal-Knisja, speċjalment dawk imxandra mill-Konċilju. Dawn jidhru li bil-mod il-mod qed isiru aktar magħrufa.♦



# Dun Mikiel Attard

## *Is-Saċerdot li ħabb lil Ta' Pinu – 2*

**minn Dun Daniel Xerri, Viċi -Postulatur**

## Il-Velja tal-Assunta

Peress li din il-ħarġa dejjem tiġi stampata qrib il-festa tal-Assunta, illum ħsibna li ngħidu kelma dwar il-Velja tal-Assunta li għal dawn l-aħħar snin issir nhar l-14 ta' Awwissu fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu.

Forsi ftit jafu li din kienet ħolma, xewqa oħra ta' Dun Mikiel, u ngħidilkom mela kif bdiet. Kienu s-snin tad-disgħinijiet, u jien kont għadni nistudja u naħdem bħala viċi-parroku fil-parroċċa tan-*Natività di N.S.G.C.* f'Ruma. Tul dawn is-snin fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore kienet tiġi ċċelebrata din il-Velja ta' Santa Marija; velja li ħafna drabi kelli x-xorti li nieħu sehem fiha, velja sabiħa għaliex fuq xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II fiha kien isir kant ta' Salmi flimkien ma' innijiet u riflessjonijiet tal-Knisja tal-Orjent. B'hekk kienet tkun Velja b'element qawwi ta' ekumeniżmu, u f'din iċ-ċelebrazzjoni wieħed kien iħoss dak li kien iħobb jgħid San Ġwanni Pawlu II: "Wasal iż-żmien li l-Knisja tieħu n-nifs miż-żewġ pulmuni tagħha". Għadni niftakar, sajf minnhom meta ġejt għall-vaganzi Għawdex f'Settembru, bħal dejjem kont immur infittex lil Dun Mikiel u nirrakkontalu dak kollu li kont inkun għaddejt minnu tul dik is-sena, fejn sintendi qatt ma kienu jonqsu l-pariri siewja tiegħu. Kien f'waħda minn dawn id-diskursati ta' bejnietna li semmejtlu din l-esperjenza sabiħa tal-Velja f'Ruma u kont anki saħansitra għaddejtlu l-ktejjeb tagħha. Tgħidx kemm kien ħa gost bih u niftakar qalli: "Issa naqrah bil-mod u nitkellmu, għaliex għandi ħolma li nixtieq li sseħħ. Għalissa, imma, nitolbu". U bqajna hekk. Mort lura Ruma u niftakar li kien ċempilli u wara anki kien kitibli ittra (dnub din l-ittra ma rfajthiex) fejn insista miegħi biex nieħu ħsieb naqleb għall-Malti dak it-talb tal-Velja biex is-sajf li jmiss issir fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu.

Hu mill-ewwel ried li din il-Velja ssir fuq iz-zuntier tas-Santwarju, anki jekk in-numru ta' dawk li jieħdu sehem ikun żgħir. L-importanti li ssir barra, għaliex *"b'hekk inkunu xhieda u nuru li l-Insara, anki ż-żgħażagħ, jafu jishru u jifirħu flimkien waqt li jfaħħru lil Alla fil-festa tal-Assunta. Ma hux veru li jeżistu biss id-diskoteki u x-xorb biex iż-żgħażagħ ikunu kuntenti"*. Dan kien qalu għaliex f'dawk is-snin kienu jsiru diversi diskoteki għaż-żgħażagħ u huwa li tant kien jemmen fiż-żgħażagħ, kien jgħid li mhux veru li ż-żgħażagħ divertiment biss iridu, imma ż-żgħażagħ jafu wkoll jitolbu u bl-ispirtu ferrieħi tagħhom jistgħu jagħtu spinta pożittiva lis-soċjetà Għawdxija. U hekk ġara fl-14 ta' Awwissu 1998: saret l-ewwel Velja tal-Assunta, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija saret din il-Velja f'Ta' Pinu. Bdiet bi ftit persuni, madwar erbgħin ruħ li kienu

ġew mistiedna minn Dun Mikiel innifsu. Dan għaliex Dun Mikiel kien jaf li kemm Dun Nazju Borg u kemm Dun Karm Refalo kienu bdew jorganizzaw velja ċkejkna lejlet il-festa ta' Santa Marija għall-gruppi ta' talb tagħhom, u kien talabhom biex ningħaqdu flimkien sabiex issir Velja waħda f'Ta' Pinu, u hekk ġara. Velja li bdiet bi ftit persuni u llum jieħdu sehem fiha mijiet ta' persuni; saħansitra pellegrini minn Malta jiġu apposta għal din il-Velja, pellegrini li jkunu mmexxija mill-voluntiera ta' *Radju Marija Malta*.

Qatt ma ninsa l-Velja tal-1998; dakinhar Dun Mikiel ma setax ikun preżenti – kien għadu kemm beda jerfa' t-toqol tal-marda tiegħu – iżda ried ikun hemm sabiex ikompli jħeġġeġ lin-nies biex jagħtu sens u jsaħħu din il-Velja. Għalhekk huwa kien kiteb messaġġ u talabni biex naqrah fi tmiem il-Velja, messaġġ li juri l-imħabba speċjali li huwa kellu lejn Ta' Pinu, il-post li l-Madonna għażlet biex fih tiltaqa' magħna.

Illum ser nippubblikaw dan il-messaġġ li ħareġ mill-pinna ta' Dun Mikiel, messaġġ li juri l-imħabba speċjali ta' dan is-saċerdot lejn il-Madonna Ta' Pinu.

**Dun Gerard Buhagiar**
***Rettur***

* * *

# Velja tal-Assunta, Santwarju Ta' Pinu - 14 ta' Awwissu 1998 Messaġġ

**Dun Mikiel Attard**

Insellmilkom. Jien nittama u nħoss li kull wieħed hawn preżenti, min ftit u min wisq, ilkoll ġejtu f'kuntatt mal-Mulej Ġesù permezz ta' Marija, li huma dejjem **ħajjin, attivi** u **jħobbuna**. Jien nittama li intom ilkoll hawn preżenti **faħħartu** bil-qalb lill-Mulej u tajtuh qima sinċiera, u allura intom ilkoll fraħtu fl-ispirtu tagħkom u mtlejtu b'ċertu hena tal-qalb, minkejja d-dwejjaq, id-dnubiet, is-slaleb u ċaħdiet li jkollkom tagħmlu fil-mixja tagħna lejn is-Santwarju etern; it-tgawdija eterna.

Jien nemmen li intom **FAĦĦARTU** u **FRAĦTU** fil-Mulej bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u bl-interċessjoni ta' Marija. Dan l-***Ispirtu Qaddis*** illi qanqal dan kollu **fikom** ser jibqa' **fikom** anki xħin tispiċċa din il-laqgħa ta' talb; allura **l-messaġġ tiegħi hu li dan l-Ispirtu qaddis iżommkom u jipperseverakom bħala xhieda ħajjin, veri u hienja** ta' Alla tagħna l-ħaj. U dan bħala premju talli ġejtu tishru, tqimu u titolbu lil Marija, ħajja fis-Sema u attiva, dinamika, fost l-oħrajn anki permezz ta' dan is-santwarju, ta' dan il-lokal, ta' dan – kif inħobb insejjaħlu jien – is-***Supernatural Spot***. F'dan il-post li għażlet Marija, Omm Ġesù u ommna, semmgħetilna leħinha u qaltilna: "Ejja, ejja, biex tiltaqgħu aktar fil-qrib ma' Ġesù, Ibni l-Mulej, Alla tagħna lkoll".

Kif tagħmlu dan ***li tkunu xhieda ħajjin, veri u hienja ta' Alla tagħna l-ħaj fid-dinja mħawda tal-lum li fiha intom tgħixu kuljum u fejn sejrin tkunu xħin tispi"a din il-velja?***

1. Lilkom, saċerdoti, lilkom, żgħażagħ u persuni oħra li tagħtu sehemkom fl-organizzazzjoni ta' din il-velja, ngħidilkom prosit. Avolja qed nikteb dan il-messaġġ jumejn qabel – l-Erbgħa 12 ta' Awwissu – ngħidilkom li diġà qed tagħtu ***xhieda ta' Alla l-Ħaj***; mhux l-aktar għax urejtu kapaċità, intelliġenza, sagrifiċċji, iżda l-aktar għax għamiltu din il-ħidma ***f'għaqda, teamwork, fraternità***, u



warrabtu kull egoiżmu personali jew tal-grupp tagħkom. Komplu ikbru fl-ispirtu ta' għaqda u qadi fl-attivitajiet, jew appostolat, għaliex hekk nistqarru f'Innu Ewkaristiku ("Fejn issib ***l-Għaqda u l-Imħabba***, hemm issib 'l Alla wkoll").

2. Likom, membri tal-Komunitajiet Ewkaristiċi, lilkom ukoll ngħid li kontu ***xhieda veri u hienja ta' Alla l-ħaj***, billi lqajtu u emmintu l-Kelma ta' Alla u bil-preżenza tagħkom **ħabbartu** l-istess Kelma ta' Alla. Komplu xandru l-Kelma ta' Alla bl-imġiba aktar mill-kliem, għax tgħid il-frażi Ingliża: *"Faith is more caught then taught"* (aktar tittieħed milli tiġi mgħallma).

3. Lilkom, devoti u wħud voluntiera ta' dan is-Santwarju u kumpless Ta' Pinu, ftakru x'jgħid l-Ingliż: *"Prayer lead to action"* (it-talb iwassal għall-azzjoni). Komplu kunu ***xhieda veri u hienja ta' Alla l-Ħaj*** billi timmaturaw u tkabbru d-devozzjoni lill-Madonna Ta' Pinu.

U hawn nispiċċa billi nagħmel stedina qawwija u ħerqana biex tagħtu sehemkom f'wieħed minn dawn il-gruppi:

- Il-*Prayer Group* "Madonna Ta' Pinu", li hu miftuħ għal kulħadd, li jiltaqa' darba biss fix-xahar, kull raba' Ħadd tax-xahar, mid-9.30am sal-11.30am.
- Il-Grupp Talb għaż-Żgħażagħ.
- Il-grupp żgħir ta' żgħażagħ li jiltaqa' l-Ħadd filgħaxija fis-7.15pm, minn Settembru sa Ġunju.

Għal aktar informazzjoni kellmu lil Dun Karm Gauci jew inkella lil Dun Gerard Buhagiar.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nistqarr ***pubblikament bil-miktub*** u f'dan il-post ***qaddis*** li barra li tkunu ***xhieda veri u hienja ta' Alla l-Ħaj***, jien fil-mard tiegħi, l-aktar fil-mumenti li nħossni waħdi, wieħed mill-ħsibijiet li jikkunslawni hu li meta kont f'saħħti tajt xi sehem f'xi attivitajiet konnessi ma' dan is-Santwarju.

***Tkunu mberkin,***
***billi nsejjaħ fuqkom***
***l-Isem kbir u Qaddis ta' Ġesù.***

Dun Mikiel Attard
Illum, l-aħħar Erbgħa ta' Santa Marija,
12 ta' Awwissu 1998 ♦

*Kull min jista' jagħti xhieda fuq il-ħajja tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, jew għandu xi materjal miktub f'rabta miegħu, jew jaqla' xi grazzja bl-interċessjoni tiegħu, jew jixtieq jikseb jew iqassam santi bit-talba tiegħu, jew jixtieq jagħmel xi offerta għall-ispejjeż tal-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu, huwa mitlub jikkuntattja lil:*

***Il-Postulazzjoni Kawża Dun Mikiel Attard***
*Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù*
*Il-Belt Victoria VCT 2042, Għawdex.*

*tel:* **21556479 / 21565703** - *email:* **postulazzjoni.dunmikiel@gmail.com**




## *Għaliex "Ta' Pinu"?*

**minn John Cremona**

Ħafna jistaqsu għaliex il-knisja ta' Santa Marija fit-tarf tal-Għarb tissejjaħ "Ta' Pinu", isem li llum sar magħruf tista' tgħid mad-dinja kollha. U min kien dan Pinu li din il-knisja tant magħrufa u għażiża ssejħet għalih?

Tajjeb wieħed jiftakar li tul is-sekli ħmistax u sittax, Għawdex, bħal Malta, kien miżgħud b'bosta kappelli żgħar fil-kampanja li kienu jitwaqqfu minn nies li, jew kienu jistgħu, inkella kienu jkunu għamlu xi wegħda. Ara taħsbu li dawn il-kappelli kienu kollha mibnija sbieħ bl-arkitettura normalment assoċjata mal-bini tal-knejjes! Ħafna drabi kienu jkunu sempliċement kmamar fl-għelieqi nieqsa minn kollox. Mhux talli ma kienx ikun fihom ix-xbieha ta' lil min tkun iddedikata l-kappella, imma saħansitra ma kienx ikun fihom la paviment, la twieqi u lanqas bieb. Mhux ta' b'xejn li waqt il-Viżti Pastorali tal-Isqfijiet dawn il-kappelli kienu jingħalqu għall-qima tal-pubbliku jew tingħata l-ordni biex jitwaqqgħu! Għadna naraw sal-lum imxerrda mal-kampanja tagħna diversi braġ li jindikaw postijiet fejn kienu jeżistu minn dawn il-kappelli.

Billi n-numru ta' kappelli ddedikati lill-Assunta mxerrda mal-kampanja ta' Għawdex kien wieħed sostanzjali, in-nies kienu jirreferu għalihom bl-isem tal-lokalità jew tal-familja li tkun bniethom jew li tkun tieħu ħsiebhom. Hekk insibu, ngħidu aħna, Santa Marija tad-Dbieġi, Santa Marija tal-Ġentili (Ta' Pinu), Santa Marija ta' Ċini (Wied il-Għasri) u Santa Marija taż-Żebbuġ. Victor J. Galea, f'artiklu li ppubblika f'*L-Għid tal-Assunta* (2006), jargumenta b'mod konvinċenti li "Tal-Ġentili", kif sejħilha Dusina, ma tirreferix għall-kunjom ta' familja "Gentile", imma għall-isem ta' raġel, Gentile Calimera, li x'aktarx bena l-kappella Ta' Pinu għall-ħabta tas-sena 1400.

Kważi mġarrfa sabha l-kappella ta' Santa Marija, dak iż-żmien magħrufa bħala "tal-Ġentili", fit-tarf tal-Għarb, il-Viżitatur Appostoliku Monsinjur Pietru Dusina fl-1575. Dan kien erbgħa u għoxrin sena wara l-assedju diżastruż ta' Għawdex fil-1551, meta kważi l-popolazzjoni kollha tal-gżira ttieħdet fil-jasar. Waqt din iż-żjara, il-Viżitatur Mons. Dusina sab il-kappella nieqsa minn kollox u ordna li tingħalaq.

F'din il-qagħda baqgħet din il-kappella sakemm inbniet mill-ġdid minn Pinu Gauci, li kellu l-għelieqi tal-madwar, xi żmien qrib is-sena 1619, meta fil-kappella qiegħed kwadru ġdid tal-Assunta mpitter minn artist mhux daqstant magħruf, Amadeo Perugino mill-Belt Valletta. Skrizzjoni żgħira fit-tarf ta' isfel tal-lemin tal-kwadru tgħid li dan tpitter minn Perugino fl-1619, u li l-benefattur tiegħu kien Pinu Gauci, bin Salvu. Minn dakinhar 'il quddiem il-kappella bdiet tkun magħrufa bħala l-kappella "Ta' Pinu".




Insibu li fl-1615, l-Isqof Cagliares kien żar din il-kappella u sabha nieqsa minn kollox u kważi ser taqa', iżda Pinu Gauci wiegħed li jirranġaha. Żamm kelmtu, u fil-Viżta li għamel sitt snin wara l-istess Isqof, faħħar l-isforzi ta' Gauci biex sewwa u għammar b'dak kollu meħtieġ lil din il-kappella. B'hekk Pinu rabat ismu waħda u sewwa ma' din il-kappella.

## X'nafu dwar Pinu Gauci

Fl-1587, Pinu Gauci sar il-prokuratur tal-għelieqi u l-kappella minflok Matteo de Manueli, li kellu f'idejh il-kappella u l-għelieqi tal-madwar fl-1575 meta saret il-Viżta ta' Mons. Dusina. Huwa kien miżżewweġ lil Clara Bongibino u kellhom tifla, Catarina, li fl-1623 iżżewġet lil Gio Filippo Muscat. Dan Pinu kien jiġi l-bużnannu ta' Elena Muscat, li l-1672 iżżewget lil Giovanni Gourgion. Dawn it-tnejn jidhru mpittrin fil-kwadru tal-Erwieħ ta' Mattia Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria. Fl-1619, Pinu Gauci kkummissjona l-kwadru tal-Madonna. Pinu miet bejn is-sena 1621, meta jsemmih l-Isqof Cagliares fil-Viżta li għamel fil-kappella, u




s-sena 1623, meta nsibu lill-armla ta' Pinu miżżewġa lil Pasquale Farrugia. Ma nafu xejn aktar dwar Pinu, għalkemm jidher li tal-familja baqgħu jieħdu ħsieb sew tal-kappella, kif jixhdu l-Viżti tal-Isqof Cagliares fl-1630 u l-1634. Madankollu, sas-sena 1654 il-kappella reġgħet spiċċat fi stat ħażin ħafna, tant li l-Isqof Belaguer ordna li terġa' tingħalaq għall-qima tal-pubbliku u l-obbligi ta' din il-kappella jiġu ttrasferiti lill-Matriċi.

Illum l-isem *Ta' Pinu* jinstab imxerred mad-dinja kollha, kemm minħabba li l-emigranti tagħna ħadu magħhom id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu fil-pajjiżi fejn marru jaħdmu u jgħixu, u kemm minħabba l-eluf ta' turisti li jżuru lis-Santwarju matul is-sena. ◆

---

**Kotba li kkonsultajt biex ktibt dan l-artiklu**


- Agius De Soldanis Ġann Piet Franġisk, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, traduzzjoni ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, Malta 1958.
- Attard Anton F., *Il-Vista Apostolika ta' Monsinjur Pietru Dusina f'Għawdex fis-sena 1575*, Għawdex 2014.
- Cauchi Nicholas J., *Ta' Pinu Shrine... The Pilgrims' Haven*, Gozo 2008.
- Farrugia Giuseppe, *La Beata Vergine "Ta' Pinu" in Gozo*, Malta 1891.

# Naħdmu għal Kultura li tgħożż il-gratwita



**Omelija ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-Festa tas-Sejħa tal-Verġni Mqaddsa Ta' Pinu Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu - 22 ta' Ġunju 2014**

Jiġini li nistaqsi jekk Ġesù u Marija kinux kuntenti meta kienu mistiedna għat-tieġ ta' Kana. Għax illum ġieli jiġri li meta jasal invit ta' tieġ, hemm min iqarras wiċċu għax invit ġdid ifisser li trid tagħti rigal. Sfortunatament illum qed nitilfu l-ispirtu ta' gratwità u għalhekk mhux faċli nemmnu li koppja tistedinna għax għandha pjaċir isseħibna fil-ferħ tagħha; bħal donnu lanqas nistgħu nifhmuha li l-bniedem minn rajh jista' jagħti rigal bħala epressjoni tar-rieda tiegħu li jieħu sehem fil-ferħ tal-oħrajn. Il-kultura tad-drittijiet, fejn kulħadd jistenna kollox b'jedd, qed tnessina li fil-ħajja hemm ħafna affarijiet li nirċevuhom gratwitament – sempliċement għax min jagħtihomlna, iħobbna u ma jistenna xejn lura – u li aħna ħielsa li nagħtu mingħajr ma nistennew xejn lura. Ġejna mirkubin mill-mentalità li ħadd ma jagħmel xejn għal xejn għaliex kollox għandu prezz.

Il-miraklu tal-ilma mibdul fi nbid li Ġesù għamel f'Kana huwa espressjoni qawwija ta' din il-gratwità. Ġesù u Marija ħadu din l-inizjattiva minn rajhom. Ma kellhom ebda obbligu li jagħmlu dan l-intervent straordinarju. Min-naħa tagħhom l-għarajjes mhux biss ma kinux qed jistennew dan il-miraklu, imma lanqas biss kienu jafu min fejn kien wasal dak l-inbid tajjeb. Il-gratwità hija fin-natura ta' Alla. Propju għax Alla huwa mħabba, huwa kontinwament jingħata lill-bnedmin mingħajr ma jistenna xejn lura. Kif jikteb San Ġwann, "hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" (1 Ġw 4:9).

L-Ewkaristija hija eżempju ta' din il-gratwità. Min minna għandu xi dritt fuq Ġesù biex dan jagħtina ġismu bħala ikel u demmu bħala xorb? Għall-kuntrarju, jien mhux biss ma għandi ebda jedd li Ġesù jingħata għalija, imma għandi għaliex nistħi quddiem il-gratwità tiegħu għax ma jistħoqqlix nitrejjaq bil-Ġisem u d-Demm tiegħu.


Photo - MGOZ - George Scerri

Qegħdin ngħixu fi żmien fejn ma għadniex napprezzaw dak kollu li jingħatalna gratwitament. Billi kollox sar dovut, faqqarna t-tifsira tal-imħabba vera. Dak biss li jaf iħobb bi mħabba ġenwina, diżinteressata u ħielsa minn kull riħa ta' egoiżmu huwa kapaċi jagħti mingħajr ma jistenna xejn lura. Il-loġika tas-suq saret l-uniku kejl li l-bniedem qed juża fir-relazzjonijiet ta' bejnietna. Billi sirna naraw kollox minn nuċċali tal-qligħ, jeżisti r-riskju li naraw sens biss f'dawk l-oġġetti u relazzjonijiet li jistgħu jissarrfu f'xi gwadann personali. Din il-viżjoni konsumista taf tneżża' mid-dinjità umana lill-persuna u lir-relazzjonijiet ta' bejnietna. Minħabba f'hekk, peress li sirna ma nafux inkunu ġenerużi bħalma Alla huwa ġeneruż mal-umanità, naslu biex inħassru ħafna mill-"festi" tagħna.

Għaliex illum ma għadniex nagħmlu festa meta titwieled tarbija? Jista' jkun li l-kultura ta' żmienna wasslitna f'punt fejn inqisu l-ħajja umana bħala prodott tagħna l-bnedmin, sew jekk inlaqqgħu l-elementi ġenerattivi b'mod naturali u sew jekk nużaw metodi artifiċjali. Meta l-ħajja umana ma nibqgħux inqisuha bħala don gratuwitu mingħand il-Ħallieq, nibdew nitkellmu fuq id-dritt għall-ulied. Dan huwa diskors riskjuż ħafna, għax meta nirrendu lill-ulied bħala oġġett li nippossedu, imbagħad nistgħu naqbdu t-triq tan-niżla. Fil-fatt dieħla l-mentalità li meta dan ir-rigal tal-ħajja jkun "mgħattan", nippruvaw nagħlquh fil-kaxxa u naħbuh! Kollox jiddependi mill-perspettiva li jkollna.

Il-prinċipju tal-gratwità jdawwal ukoll l-esperjenza taż-żwieġ. Meta fl-għoti tal-kunsens nużaw il-formula *"jien nieħu lilek b'marti/żewġi"*, din tista' tagħti l-impressjoni li parti tkun qed takkwista xi dritt fuq il-parti l-oħra u għalhekk tista' taħseb li b'hekk għandha d-dritt li tiddisponi minnha kif u meta trid hi. Imma hemm formula oħra tal-kunsens fejn il-parti tgħid: *"Jien nilqa' lilek bħala marti/żewġi"*. Jekk inħares lejn is-sieħeb/a fiż-żwieġ bħala rigal, ifisser li din il-persuna qatt ma tista' tkun oġġett "tiegħi", imma nilqagħha bħala dik il-persuna li qed tingħatali bħala s-sieħeb/a tiegħi. Aħna li għandna l-viżjoni ta' fidi anki dwar iż-żwieġ, irridu nemmnu li ż-żwieġ mhux kwistjoni ta' ġibda kimika, imma fih hemm l-intervent divin fejn Alla jagħti bħala rigal il-mara lir-raġel u r-raġel lill-mara.

Għaliex kulma jmur ir-rikonċiljazzjoni qed issir sfida diffiċli? Għaliex sirna daqshekk iebsin biex naħfru lil xulxin? Huwa fatt li l-kunċett li għandna ta' ġustizzja jserraħ fuq dak li għallmuna l-ġuristi Rumani: *do ut des* (jien nagħtik sakemm inti tagħti lili). Għalhekk fil-kuntest tal-maħfra ħafna jirraġunaw li lesti li jaħfru jekk il-parti l-oħra taħfrilhom; lesti li joffru l-id tal-ħbiberija jekk il-parti l-oħra toħroġ idha qabel; lesti li jimxu pass mal-parti l-oħra jekk din tagħmel passejn! Dan kollu jikkonferma li l-maħfra ma hix esperjenza ta' din il-gratwità. Fid-dawl ta' dan il-prinċipju tal-gratwità, jien għandi noffri l-maħfra qabel ma ħaddieħor jaħfer lili; għax jekk jien naħfer lil min ħafirli, inkun inqdejt bil-maħfra għall-avvanz tiegħi personali.

F'dan għandna nippruvaw nimitaw lil Alla li dejjem lest biex jaħfrilna. Imma nħoss li anki hawn għandna bżonn nikkoreġu l-fehma li għandna dwar Alla li jaħfer. Fil-fatt, meta nħarsu lejn Alla, aħna npoġġu f'ħoġru l-ġustizzja kif nifhmuha aħna l-bnedmin – *do ut des*. Nemmnu li l-Mulej jaħfrilna biss meta nkunu niedma mill-offiża li nkunu għamilnielu bid-dnub tagħna. Imma dan huwa l-mod kif nirraġunaw bejnietna l-bnedmin; dwar Alla rridu nirraġunaw b'mod differenti. Il-bniedem jasal biex jindem u jitlob maħfra wara li jkun għamel l-esperjenza tal-maħfra



Photo - MGOZ - George Scerri

ta' Alla. L-ewwel huwa Alla li jdewwaq it-tjubija, il-ħniena u l-imħabba tiegħu; meta nduqu din il-ħlewwa ta' Alla, imbagħad nindmu għax verament jiddispjaċina li nkunu nqasnieh.

Propju għaliex għadna ma fhimniex biżżejjed li l-ġustizzja ta' Alla hija l-ħniena, aħna tqal biex nuru ħniena ma' xulxin. Ilkoll konxji kemm wieħed mill-flaġelli soċjali li għandna huwa l-ġlied fil-familji, in-nuqqas ta' ftehim ta' bejnietna, il-kunflitti; u jaħasra ninsabu daqshekk qrib biex inħollu dawn l-għoqod billi noffru gratwitament il-maħfra, u nibqgħu nagħmlu reżistenza. L-unika raġuni għaliex għandna nieħdu l-inizjattiva u noffru l-maħfra hija l-imħabba; kif jikteb San Pawl, "l-imħabba ma żżommx f'qalbha għad-deni... kollox tagħder" (1 Kor 13:5-7).

Il-prinċipju tal-gratwità mhux riservat għar-relazzjonijiet privati bejn l-individwi, imma għandu wkoll relevanza soċjali, partikularment fil-qasam tal-ekonomija. Fil-fatt is-suq li jimxi biss bir-regola li oġġett jiswa daqs l-oġġett mibdul u fejn kollox huwa ddettat mil-liġi tal-qligħ, mhux suq għal kulħadd; huwa suq fejn min għandu, jitkattarlu u min ma għandux, jitnaqqarlu. Is-suq qatt ma għandu jsir post fejn il-qawwija jrażżnu lid-dgħajfin. Għalhekk ekonomija li tħaddem il-loġika tad-don jew il-prinċipju tal-gratwità hija ekonomija fejn min għandu, jiddisponi biċċa mill-mezzi tiegħu biex hekk jagħti possibbiltà lil min ma għandux dawn il-mezzi biex jibda tiela' s-sellum soċjali. Ma għandhiex tkun il-liġi li tobbliga dan il-qsim, imma għax hekk titlob il-karità, li tissarraf f'ġesti ta' solidarjetà u sussidjarjetà. Il-ġustizzja biss tista' tkun arma li teqred. Fil-fatt il-ġustizzja waħidha qatt ma hija biżżejjed. Biex tassew ikun hemm ġustizzja soċjali huwa meħtieġ dak is-sehem li l-gratwità u s-solidarjetà biss jistgħu joffru. Mingħajr il-gratwità ma hemmx ġustizzja. Għalhekk il-prinċipju tal-ġustizzja jrid jitħaddem mal-prinċipju tal-gratwità, fejn min għandu l-kapital jagħti l-possibbiltà lil min ma jistax. Illum din hija talba li qed jagħmel il-bniedem, imma hija wkoll talba li ssir mil-loġika ekonomika. Billi ħadd ma huwa skart tas-soċjetà, ħadd ma għandu jiġi mċaħħad minn dak li huwa essenzjali għall-ħajja. Fost dawn hemm l-immigranti. Mhux l-immigranti huma tal-waħx, imma għandhom iwaħħxuna ċerti diskorsi kontra tagħhom li kultant nisimgħu fostna – diskorsi li huma 'l bogħod mill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-gratwità.

Kif kienet il-qalb kbira ta' Ġesù u Marija li b'mod gratuwitu offriet li ssalva l-festa ta' Kana, aħna wkoll fid-diversi oqsma tal-ħajja nistgħu nħallu dan il-prinċipju tal-gratwità jsuqna biex imbagħad nagħmlu festa kbira flimkien. ◆

# 150 SENA DJOĊESI
## It-Twaqqif tal-Knisja ta' Għawdex mill-Papa il-Beatu Piju IX

minn Mons. Joseph Bezzina

***Bi mħabba liema bħalha*, nhar is-16 ta' Settembru 1864 – mija u ħamsin sena ilu – il-Papa Piju IX waqqaf id-djoċesi ta' Għawdex u għażel il-Knisja Matriċi ta' Santa Marija bħala l-Katidral tal-Knisja ta' Għawdex.**

### 1 • Il-Bolla *Singulari Amore*

It-twaqqif tad-djoċesi sar permezz ta' dokument pontifiċju msejjaħ *Bolla*, isem li jingħata lil dokumenti ta' importanza kbira u msejjaħ hekk għax kien ikun ibbullat, awtentikat b'bull tal-Papa.

Il-Bolla tat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex iġib l-isem ta' *Singulari Amore – Bi mħabba liema bħalha*, isem li jingħata mill-ewwel żewġ kelmiet bil-Latin tad-dokument. Permezz ta' dan id-dokument twieldet uffiċjalment **il-Knisja ta' Għawdex**.

Iġib id-data tas-16 ta' Settembru 1864. Madankollu l-aħbar uffiċjali tad-djoċesi l-ġdida ngħatat mill-Papa Piju IX fil-Konċistorju tat-22 ta' Settembru, meta saret ukoll il-ħatra ta' Mikiel-Franġisk Buttigieg, l-arċipriet tal-Matriċi, bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Il-*Giornale di Roma* ippubblika l-aħbar tard fil-għaxija fl-istess jum.



Buttigieg kien diġa kkonsagrat isqof. Fil-Konċistorju Sigriet tas-16 ta' Marzu 1863, il-Papa kien ħatru bħala Isqof Titulari ta' Lete u Isqof Awżiljarju ta' Malta għall-gżira ta' Għawdex.

Il-Għawdxin kien ilhom jitħabtu sitta u sittin sena biex din il-ħolma setgħet issir realtà.

### 2 • L-Ingress tal-Ewwel Isqof

Dlonk bdew it-tħejjijiet għall-Ingress tal-ewwel isqof fil-Katidral il-ġdid tad-djoċesi.

Is-Sibt 22 ta' Ottubru 1864, filgħodu, il-Kanonku Lwiġi Fernandez, bħala Delegat Appostoliku għat-twettiq tal-Bolla, wassal il-Bolla *Singulari Amore* l-Katidral – fejn għada miżmuma b'għożża kbira sal-lum. Dritt wara mexxa ċ-ċerimonja tal-pussess tat-tlieta u għoxrin Kanonku tal-Kapitlu Katidrali. Filgħaxija saret iċ-ċerimonja tal-Intronament: il-Kanonċi wegħdu l-ubbidjenza tagħhom lill-Isqof, rappreżentat mill-Kanonku Karl-Antonio Bondì.

Il-Ħadd 23 ta' Ottubru 1864 – mija u ħamsin sena ilu – jibqa' għal dejjem wieħed mill-isbaħ jiem fl-istorja millennarja tal-gżira Għawdxija. Ma' tbexbix il-jum, il-fratelli tat-tmienja u għoxrin fratellanza, il-patrijiet tat-tliet ordnijiet reliġjużi, is-saċerdoti u l-kanonċi kollha telqu f'purċissjoni mill-Katidral il-ġdid sal-*Flora* tas-Salib tat-Tiġrija, fejn intramat kappella. Ftit wara, l-Isqof Mikiel-Franġisk Buttigieg telaq f'parilja mill-kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini għall-istess post. Fil-kappella kien imlibbes il-kappa u l-mitra, rikeb fuq debba bajda u, taħt baldakkin merfugħ mill-ogħla awtoritajiet Għawdxin, beda l-ingress għall-Katidral. Tfajjel żgħir mexa quddiem bil-Bolla. Tfajjel ieħor qralu l-indirizz ta' merħba hekk kif kien se jibda t-Telgħa tal-Belt.

U fost id-daqq solenni tal-qniepen, il-mużika ferreħija tal-baned u l-għajat bla jaqta' tal-poplu kollu Għawdxi, Mikiel-Franġisk Buttigieg, l-ewwel Isqof ta' Għawdex, għamel l-Ingress tiegħu fil-Katidral.

Dritt wara beda l-ewwel quddiesa pontifikali bħala l-Isqof ta' Għawdex. Il-Kanonku Ġorġ Mercieca ikkompona quddiesa u *Te Deum* għall-okkażjoni. L-orkestra kienet taħt id-direzzjoni ta' Vincenzo Bondì, *Maestro di Cappella* tal-Katidral.

Naqleb għall-Malti mit-Taljan kumment li Kmandant Walter Strickland, preżenti għall-okkażjoni, kiteb lill-Kardinal Alessandro Franchi, il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Affarijiet Ekkleżjastiċi



Straordinarji fil-Vatikan, li kien wassal il-proċess tat-twaqqif tad-djoċesi għat-tmiem: "Kull inkonvenjenza li l-Eċċelenza Tiegħek kellha tgħaddi minna meta għent fit-temmija tat-talba tal-Għawdxin, kull qtigħ il-qalb ta' dawk kollha mdaħħla, l-iktar ta' dak li lili hi afdata l-merħla kollha tal-Mulej, kollox, nirrepitilek, kien kompensat bil-kbir bil-parteċipazzjoni f'dan l-ispettaklu ta' ferħ".

## 3 • L-ikbar ġrajja fl-aħħar mija u ħamsin sena

L-ikbar ġrajja fid-Djoċesi ta' Għawdex tul dawn il-150 sena seħħet nhar it-22 ta' Ġunju 1883.

Dak inhar Santa Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem meqjuma f'kappella minsija kważi minn kulħadd fil-ħâra Ta' Għammar għamlet sejħa għat-talb lil waħda bidwija Għawdxija.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu xegħlet mingħajr ħadd ma għamel xi sforz kbir. Kienet il-Madonna li riedet tagħti rigal ta' post speċjali ta' talb lid-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex.

Djoċesi – kif stqarr Monsinjur Isqof – mija u ħamsin sena żagħżugħa b'tama li l-Madonna Ta' Pinu tibqa' tħeġġeġ il-fidi tal-Għawdxin u l-Maltin kollha. •

# 150 Sena mit-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex

GĦAWDEX 150 Sena Djoċesi
1864 — 2014

# Tifsira tal-Logo uffiċċjali

Id-Djoċesi tagħna ta' Għawdex qed tiċċelebra mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħha, li seħħ bil-Bulla tal-Beatu Papa Piju IX *Singulari Amore* (*Bi mħabba liema bħalha*) tas-16 ta' Settembru 1864. L-ewwel Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex, li bħala territorju tinkludi wkoll il-gżira ċkejkna ta' Kemmuna, kien Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg, mill-Qala, dak iż-żmien Arċipriet tar-Rabat.

Il-logo uffiċċjali ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ġie maħdum minn Dun Roberto Gauci, juri d-dgħajsa ta' Pietru, simbolu antik tal-Knisja fit-tradizzjoni Nisranija, bil-qlugħ tagħha f'forma ta' Salib, teħodha ma' l-imwieġ li jirrappreżentaw kemm il-gżira ta' Għawdex imdawra bil-baħar u kemm it-taħbit li minnu jgħaddi l-poplu pellegrin ta' Alla fil-mixja tiegħu fuq din l-art. Maġenb id-dgħajsa jidhru wkoll it-tliet għoljiet li jagħmlu parti mill-arma uffiċjali ta' Għawdex.

Iċ-ċelebrazzjonijiet anniversarji mistennija jkunu mifruxa fuq medda ta' sena, u jiftħu uffiċjalment nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014, jum l-anniversarju, b'Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fis-7.00pm immexxija mill-Isqof Mons. Mario Grech fil-Katidral tal-Assunta, li wkoll qed ifakkar il-mija u ħamsin sena tiegħu bħala s-Sede tal-Isqof Djoċesan. Dakinhar tinżamm ukoll ġurnata adorazzjoni fil-knejjes kollha ta' Għawdex, li tintemm b'mota solenni fis-6.00pm. ♦

# Id-Djoċesi ta' Għawdex tfakkar 150 sena mit-twaqqif tagħha

# KNISJA LI TISMA'

**Sintesi tal-Omelija ta' Mons. Mario Grech,**
**Isqof ta' Għawdex,**
**fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-150 Anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex**
**Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria Għawdex**
**16 ta' Settembru 2014**

Bi mħabba singulari Alla ħabb din il-gżira meta mija u ħamsin (150) sena ilu, permezz tal-Papa Piju IX, waqqaf din id-Djoċesi. Dakinhar Alla waqqaf it-tinda tiegħu fuq din il-gżira fejn il-bniedem seta' jiltaqa' miegħu, kemm mal-Kelma midmuma fil-Kotba Mqaddsa u kemm mal-Kelma li fil-milja taż-żmien saret bniedem – Ġesù Kristu.

Matul dawn il-mija u ħamsin sena, id-Djoċesi tat ħafna lil Għawdex – fil-kamp edukattiv, soċjali, kulturali u filantropiku. Imma dan kollu huwa sekondarju meta mqabbel mas-sejħa u l-missjoni prinċipali tal-Knisja: li xxandar il-Vanġelu, li tlaqqa' lill-bniedem ma' Kristu, li twieġeb għall-aspirazzjonijiet spiritwali u umani tal-bniedem. Hawn mhux qed ngħid l-ovvju, għax b'umiltà rridu nammettu li mhux dejjem ħadna ħsieb niffukaw fuq dak li huwa l-qalba tal-missjoni tal-Knisja!

Matul dawn il-mija u ħamsin sena kienet il-Kelma ta' Alla li serviet ta' bastun biex ħafna setgħu jimxu t-triq tal-ħajja. Matul dawn is-snin il-Kelma ta' Alla ssawbet bħal balzmu fuq il-ġerħat ta' ħafna. Kienet



il-Kelma ta' Alla li tat il-qawwa lil għadd kbir ta' familji biex ma jaqtgħux qalbhom mill-ħajja u jibqgħu magħqudin. Kienet din il-Kelma li saħħret mijiet ta' żgħażagħ għas-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża – biżżejjed insemmi li kienu żewġ Għawdxin ulied din il-Knisja li waqqfu żewġ istituti ta' ħajja reliġjuża: is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u s-Sorijiet Dumnikani. Kien il-Vanġelu li qanqal f'diversi ispirazzjonijiet ta' tant proġetti soċjali u kulturali. Misjuqa minn din il-Kelma, xi wħud waqqfu monumenti kbar tal-karità bħalma kienu d-djar tat-tfal u l-Arka. Dawn kienu r-rikkezzi tal-Knisja f'Għawdex tul dawn il-mija u ħamsin sena! Quddiem dan kollu, inħoss li għandi nesprimi

l-gratitudni tiegħi lejn il-predeċessuri tiegħi u lejn dawk kollha li kienu membri ta' din il-Knisja, li għaddewlna dan il-patrimonju spiritwali hekk kbir.

Imma jekk irridu l-passat ikun garanzija għall-futur, jekk irridu nibnu l-ħitan imġarrfa tal-belt u ta' "Ġerusalemm" tal-lum, jekk irridu nagħtu togħma lil dak li tilef it-togħma, irridu naħdmu biex ikollna Knisja li tisma'. Għandna bżonn li nagħmlu mill-Knisja santwarju tal-Kelma fejn ilkoll nistgħu niltaqgħu biex nisimgħuha. Forsi fl-imgħoddi, anki fil-passat riċenti, konna aktar attivisti (doers) milli kontemplattivi. Ma neskludix li ġieli tant sirna familjari mal-Kelma ta' Alla li faċli nieħdu kunfidenza magħha.

Hemm il-probabbiltà li bħala Knisja widnejna ngħalqu u sirna torox għall-Kelma ta' Alla. Xi drabi ċ-ċertezza li aħna nafu kollox ma tqanqalniex biex nifthu widnejna biex nisimgħu. Fil-Knisja nara diversi sinjali li jistgħu jindikaw li aħna torox: meta ma nibqgħux nikkomunikaw ma' ta' madwarna; meta nirtiraw mill-pjazza u ninqatgħu mill-oħrajn; meta nibżgħu niddjalogaw jew inkunu selettivi ma' min niddjalogaw; meta ma nsibu xejn pożittiv x'ngħidu fuq sitwazzjonijiet ġodda; meta nibdew nikkundannaw u nagħmlu l-ġudizzji fuq l-oħrajn. Fuq kollox aħna Knisja truxa meta ma nibqgħux Knisja profetika.

Ix-xewqa tiegħi hija li jkollna Knisja li tagħti aktar prijorità lill-Kelma salvifika ta' Alla. Għalhekk nara li rridu ninvestu aktar fil-katekeżi, partikularment tal-kbar. Jiddispjaċini li hemm diversi li jistgħu jmiddu għonqhom għal din il-ħidma imma jippreferu jibqgħu b'idejhom marbuta. Irridu naħdmu biex l-Ewkaristija, speċjalment dik tal-Ħadd, tkun verament ċelebrazzjoni li tirrakkonta l-istorja tal-imħabba ta' Alla għalina. Fuq kollox, ilkoll għandna bżonn nitolbu aktar u aħjar. Dan kollu jgħodd għal kulħadd: għalija Isqof, għas-saċerdoti, għar-reliġjużi u għal-lajċi. Imma din ix-xorta ta' ħidma pastorali tfisser li rridu nagħmlu konverżjoni pastorali – nara l-ħtieġa urġenti li bħala Knisja nadottaw il-pastorali tagħna biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Jekk nittraskuraw it-talb u l-Ewkaristija, il-ħajja spiritwali tagħna tnin. Ċerti żbalji fil-ħajja tagħna jixhdu li għandna ħajja spiritwali fqira. Jekk ma nistinkawx biex inkunu Knisja spiritwali, inkunu nagħtu raġun lil min jgħid li l-Knisja hija istituzzjoni ta' poter jew li għandha xi aġenda politika! L-aġenda tal-Knisja hija waħda: dik diġà mfassla mill-Vanġelu!

Il-Knisja trid tkun ukoll Knisja li tisma' l-karba tal-bniedem. Suppost it-tama u l-hena, in-niket u t-tħassib tal-bniedem, partikularment tal-fqir, huma t-tama u l-hena, in-niket u t-tħassib tad-dixxipli ta' Kristu (ara Gaudium et Spes, 1). Dan ifisser li l-Knisja trid tkun qrib il-bniedem bil-problema, li huwa fi kriżi, li hu fid-dnub. Jekk inżommu 'l bogħod mill-bniedem, nirriskjaw li l-predikazzjoni tagħna ma tkunx relevanti. Ma hemm ebda realtà umana, mgħarrqa kemm tkun mgħarrqa, li ma tistax tiddawwal mill-Kelma tal-Vanġelu. Li aħna nkunu diffidenti minn dak kollu li huwa tad-dinja, mhux atteġġjament Nisrani. Anzi, hemm ħafna x'nitgħallmu mid-dinja.

Il-Knisja wkoll jeħtiġilha tisma' lil Kristu jgħid fuqha l-ordni li ta lir-raġel trux: "Effeta!". Fi kliem Sant'Ambroġ hawnhekk għandna l-misteru tal-ftuħ. Il-Knisja li tisma' l-Kelma u lill-bniedem ma tistax tibqa' bil-bibien tagħha magħluqa, imma tħossha mbuttata biex toħroġ fit-toroq u tfittex lil dawk li jinsabu fil-periferija eżistenzjali, soċjali u spiritwali. Knisja "miftuħa" hija Knisja missjunarja, u kemm nixtieq li din id-dimensjoni ma tiġix nieqsa mill-Knisja tagħna! Fuq kollox, mheżża mill-Kelma, il-Knisja trid tagħmel il-karità – anzi, il-karità hija t-triq ipprivileġġjata biex it-tħabbira tal-Kelma tkun kredibbli.

Għalhekk it-talba li nagħmel għal din il-Knisja f'din l-okkażjoni hija t-talba li Salamun jagħmel lil Alla: "Agħtina qalb li tisma'", għax jekk inkunu Knisja li tisma' lil Alla u lill-bnedmin, naslu biex ngħinu lil ħafna biex iduqu l-imħabba singulari ta' Alla. ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## APRIL 2014

**Is-Sibt 5:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Julian Cassar. Iċ-ċelebrant kien Dun Savio Vella SDB.

**Il-Ħadd, 6:** Fis-6.30pm saret il-*Via Crucis* Djoċesana fuq l-Għolja Ta' Għammar. Din il-Via Sagra tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech b'meditazzjonijiet meħudin mill-kitbiet tal-Papa Franġisku. Iċ-ċelebrazzjoni kienet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech, u ġiet imxandra fuq *Radju Marija* kif ukoll iffilmjata biex tixxandar fuq l-istazzjonijiet televiżivi lokali.



**It-Tnejn, 7:** Saret Quddiesa għat-tfal tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ fl-okkażjoni tar-Randan u Via Sagra fuq l-Għolja Ta' Għammar. Il-Quddiesa tmexxiet mill-Arċipriet il-Kan. Reuben Micallef, filwaqt li l-meditazzjonijiet tal-*Via Sagra* tmexxew mid-Djaknu Dun Daniel Sultana.

**Il-Ħadd, 13:** Tifkira Solenni tad-Daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Fit-8.30am sar ir-rit tat-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ segwit minn Quddiesa Kantata li matulha nqara r-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej.

**Il-Ħamis, 17:** Ħamis ix-Xirka – Tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija u tas-Saċerdozju Ministerjali. Fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa Solenni li matulha sar ir-rit tal-ħasil tar-riġlejn lil tnax-il raġel li jissimbolizzaw lit-tnax-il Appostlu tal-Mulej. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni, Ġesù Sagramentat ittieħed proċessjonalment minn fuq l-altar maġġur għall-Altar tar-Repożizzjoni għall-adorazzjoni tal-Insara. Is-Santwarju baqa' miftuħ għat-talb privat sa nofsillejl.

**Il-Ġimgħa, 18:** Il-Ġimgħa l-Kbira – Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt glorjuża tal-Mulej. Fit-3.00pm saret l-Azzjoni Liturġika li kienet tinkludi l-Liturġija tal-Kelma, l-Adorazzjoni tal-Għuda tas-Salib Imqaddes u t-Tqarbin. Kif titlob il-Liturġija tal-Knisja Kattolika, ma ġiex iċċelebrat Quddies fis-Santwarju.

**Is-Sibt, 19:** Sibt il-Għid. Għat-tmien sena konsekuttiva, fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu nżammet iċ-ċelebrazzjoni magħrufa bħala "Is-Siegħa tal-Omm", li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Din iċ-ċelebrazzjoni kien xtaqha ssir il-Papa Ġwanni Pawlu II (illum qaddis) fis-santwarji Marjani madwar id-dinja kollha.

Fit-8.30pm ingħata bidu għaċ-Ċelebrazzjoni Solenni tal-Vġili tal-Għid il-Kbir li kienet tinkludi t-tberik tan-nar il-ġdid, il-mixegħla tal-Blandun, il-Liturġija tal-Kelma, it-tberik tal-ilma u l-Liturġija Ewkaristika.

Iċ-ċelebrazzjonijiet tat-Tridu Solenni tal-Għid tmexxew mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar, assistit mill-Kan. Eddie Vella u l-Kan. Michael Galea, u kienu animati mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni ta' Mro Mark Gauci.

**Is-Sibt, 26:** Ġie amministrat is-sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Alex Bonnici mill-Parroċċa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija f'Burmarrad u Lorriane Cassar mill-Parroċċa ta' San Lawrenz. Iċ-ċelebrant kien Patri Joe Mamo OFMCONV.

Fl-istess jum, ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Dmitri Prokoptsuk Xuereb minn Dun Joseph Farrugia.

**Il-Ħadd, 27:** Il-Kan. Frankie Bajada, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, mexxa Quddiesa li fiha amministra s-sagrament tal-Magħmudija lil Nolan Saliba.

***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ġimgħa, 4:** Pellegrinaġġ u Quddiesa għat-tfal li jattendu fl-Iskejjel Primarji tal-Knisja f'Għawdex fl-okkażjoni ta' żmien ir-Randan.

**Il-Ħadd, 6:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi mmexxi minn Carmel Bianchi.

**It-Tlieta, 8:** Żjara mill-Grupp tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa ta' Santa Katerina, iż-Żejtun. Iċ-ċelebrant kien Dun Joe Abela.

**L-Erbgħa, 9:** Pellegrinaġġ mill-Grupp ta' Talb "Familja ta' Nazaret" mill-Parroċċa ta' Marija Assunta, il-Mosta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri Ugolin Xerri OFMCONV u wara saret il-meditazzjoni tal-*Via Sagra* fuq l-Għolja Ta' Għammar.

**Il-Ħadd, 13:** Pellegrinaġġ mill-knisja ta' San Franġisk tar-Rabat ta' Malta. Sittin persuna kienu preżenti għal dan il-pellegrinaġġ li tmexxa minn Patri Michael Attard OFMCONV u Patri Donald Bellizzi OFMCONV.

**It-Tlieta, 15:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' rġiel mill-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.

**L-Erbgħa, 23:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.

Fl-istess ġurnata, saret żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Kanada. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom minn Mons. Girgor Grech.

**Il-Ħamis, 24:** Ġew organizzati żewġ pellegrinaġġi minn grupp ta' pellegrini mill-Isvizzera u mill-Italja.

**It-Tlieta, 29:** Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Awstrija.

**L-Erbgħa, 30:** Saret żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Ġermanja.

## MEJJU 2014

**Il-Ħamis, 1:** Saret żjara lis-Santwarju mill-E.T. Mons. Pietro Baldacchino, l-Isqof Awżiljarju l-ġdid ta' Maiami fl-Amerika, akkumpanjat mill-Kanċillier tad-Djoċesi, qraba u ħbieb. Wara mumenti ta' talb f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu, fejn poġġa taħt il-ħarsien tagħha l-ħidma l-ġdida tiegħu, Mons. Baldacchino żar ukoll il-Mużew *Dar Karmni Grima*, fejn ġie milqugħ mir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar, flimkien ma' Dun Michael Galea.

Fl-istess jum, ġie amministrat mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar is-Sagrament tal-Magħmudija lil Leanne, bint Joseph u Trudy Buttigieg, mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

**Is-Sibt, 3:** Patri Louis Mallia Milanes OP, Kappillan Nazzjonali tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla, iċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna bħala parti mill-Kungress tax-Xirka li ġie ċċelebrat fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar, nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju.

**L-Erbgħa, 7:** Ingħata bidu għall-ħmistax-il Erbgħa devozzjonali bi tħejjija għas-Solennità tal-Assunzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija (Santa Marija). Minbarra n-numru akbar ta' Quddies li jiġi ċċelebrat f'dan il-jum, kull nhar ta' Erbgħa, fid-8.45pm, saret it-talba tar-Rużarju Mqaddes li tmexxiet mill-Kan. Edward Vella. Waqt il-kant tal-Litanija, saret Purċissjoni qasira bil-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Fil-Quddiesa tal-5.30pm saru meditazzjonijiet dwar il-Verġni Marija meħudin mit-tagħlim tal-Q.T. il-Papa Franġisku.

**Is-Sibt, 10:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Kylie, bint Janice u Mario Mifsud, mill-Belt Victoria.

**It-Tnejn, 12:** Ġie amministrat is-Sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Yamen Bakri u Marlene Formosa, mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Iċ-ċelebrazzjoni saret fil-Quddiesa li tmexxiet minn Dun Daniel Xerri, Rettur tas Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, u mill-Kan. Reuben Micallef, Arċipriet taż-Żebbuġ.

**Is-Sibt, 17:** Patri Robert Farrugia OCARM iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**Il-Ħadd, 18:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-erbgħin anniversarju miż-żwieġ tal-koppja Joe u Marija Portelli. Din tmexxiet minn Patri Joe Xerri OFMCONV, Gwardjan tal-komunità tal-patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Victoria.

**It-Tnejn, 19:** Dun Alfons Zammit iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq it-62 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**Il-Ġimgħa, 23:** L-E.T. Mons. Emmanuel Barbara OFMCAP, Isqof ta' Malindi fil-Kenya, għamel żjara lill-Madonna Ta' Pinu.

**It-Tnejn, 26:** Tfakkar l-24 anniversarju mill-miġja tal-Papa San Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, li seħħet nhar is-26 ta' Mejju 1990. F'dik l-okkażjoni, il-Papa kien żejjen il-kwadru titulari ta' Marija Mtellgħa s-Sema, l-istess kwadru li minnu l-Verġni Marija kellmet lil Karmni Grima fl-1883, bi stellarju ta' deheb u ħaġar prezzjuż. Dan l-avveniment tfakkar b'ċelebrazzjoni li inkludiet it-talba tar-Ružarju akkumpanjat mill-vuċi tal-istess papa qaddis, segwita minn Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Is-serata kommemorattiva kompliet b'Kunċert tal-okkażjoni mill-kurunettista Jason Camilleri, akkumpanjat mill-organista Amy Rapa. Din is-serata kienet organizzata mill-Fondazzjoni *JP2*.

**L-Erbgħa, 28:** Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju, ħatar lil Ivan Attard A.MusTCL bħala l-Assistent *Maestro di Cappella* tal-istess Santwarju. Attard ilu jagħti servizz ta' organista fis-Santwarju b'mod regolari sa minn Diċembru 2007. F'din il-kariga l-ġdida tiegħu, Mro Ivan Attard ser jassisti lil Carmel P. Grech, *Maestro di Cappella*, fit-tfassil tal-kant liturġiku waqt iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali ċċelebrati fis-santwarju Marjan ewlieni ta' gżiritna.

**Is-Sibt, 31:** Il-Kan. John Muscat, Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana, u Mons. Karm Curmi, iċċelebraw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq it-tletin anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom li saret fil-31 ta' Mejju 1984 minn idejn il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.

***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ħamis, 1:** Tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem. Ġew organizzati diversi pellegrinaġġi lejn is-Santwarju: mill-Parroċċa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa, il-Parroċċa ta' Marija Assunta fl-Imqabba, u żewġ pellegrinaġġi separati mill-Amerika u mill-Polonja.

**Is-Sibt, 3:** Pellegrinaġġ mir-residenti ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għar-residenti, *helpers* u nersis mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo.

**L-Erbgħa, 7:** Fl-okkażjoni tal-ewwel Erbgħa bi tħejjija għall-Għid tal-Assunta, sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-istudenti tal-iskola tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Saret ukoll ċelebrazzjoni Marjana.

**Il-Ġimgħa, 9:** Pellegrinaġġ u ċelebrazzjoni Ewkaristika organizzati mid-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi.

Fl-istess ġurnata, pellegrinaġġ organizzat miż-*Żejtun Day Care Centre*. Ipparteċipaw madwar erbgħin anzjan mil-lokalità taż-Żejtun.

**It-Tnejn, 12:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Ġermanja, fejn ġiet iċċelebrata wkoll Quddiesa għalihom fil-Kappella tal-Madonna.

**L-Erbgħa, 14:** Bħala parti mill-attivitajiet li nżammu fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Libertà Reliġjuża organizzata mill-*Aid to the Church in Need Malta*, saret żjara fis-Santwarju fejn ġie ċċelebrat Pontifikal Solenni mill-E.T. Mons. Isqof

Mario Grech flimkien ma' isqfijiet, saċerdoti u lajċi li pparteċipaw f'din il-konferenza. Il-liturġija kienet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech, *Maestro di Cappella*.

**Il-Ħamis, 15:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Indja. Ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija.

**Is-Sibt, 17:** Pellegrinaġġ mis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex fi tmiem is-sena formattiva 2013-2014. Fi tmiem dan il-pellegrinaġġ, id-Djaknu Daniel Sultana mill-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, għamel il-ġurament ta' fedeltà qabel l-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu li mbagħad saret fil-knisja Katidrali ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014.

**It-Tlieta, 20:** Pellegrinaġġ mid-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi, b'ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Kappella tal-Madonna.

**Il-Ġimgħa, 23:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' persuni li jaħdmu fl-uffiċċju tal-*Caritas Malta*.

**It-Tlieta, 27:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Sant'Andrija, Ħal-Luqa.

**Il-Ħamis, 29:** F'din il-ġurnata, saru tliet pellegrinaġġi: wieħed mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura, ieħor mill-Parroċċa ta' San Ġiljan, u ieħor minn parroċċa fl-Italja (ħamsin persuna).

**Il-Ġimgħa, 30:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej f'Ħal-Lija. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Kan. Michael Cauchi.

**Is-Sibt, 31:** F'dan l-aħħar Sibt ta' Mejju, ġie organizzat il-Pellegrinaġġ Annwali lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ordni ta' San Ġwann. Ipparteċipa grupp ta' morda u pellegrini oħra li fil-bidu tax-xahar ta' Mejju 2014 ħadu sehem fil-Pellegrinaġġ Internazzjonali f'Lourdes. F'din l-okkażjoni, saret Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta.



## ĠUNJU 2014

**Is-Sibt, 14:** Waqt il-Quddiesa tas-6.30pm, ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar amministra l-Ewwel Tqarbina lil-ċkejkna Alayah Aquilina.

**Il-Ġimgħa, 20:** Tfakkar id-79 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Madonna Ta' Pinu. Din il-ġrajja seħħet nhar l-20 ta' Ġunju 1935 minn idejn il-Kardinal Lepicier bħala Delegat speċjali tal-Papa. Fis-6.30pm, ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mis-saċerdot novell, Dun Daniel Sultana. Il-liturġija kienet animata mill-Kor *Nativitas*, immexxi u akkumpanjat fuq l-orgni minn Mro Ivan Attard, Assistent *Maestro di Cappella* tas-Santwarju.

Fis-7.30pm, saret l-inawgurazzjoni ta' Wirja ta' Arti Sagra bit-tema *Via Pulchritudinis* fil-Mużew *Dar Karmni Grima*, flimkien mat-tnedija ta' Inċiżjoni tal-Madonna Ta' Pinu, xogħol l-artist Justin Falzon. Il-wirja ġiet inawgurata


Photo - MGOZ - George Scerri

mill-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. F'din l-okkażjoni, saru diskorsi qosra mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar, Dun Charles Cini SDB, li kien il-moħħ wara l-organizzazzjoni ta' din l-esebizzjoni artistika, u l-Ministru Refalo nnifsu. Din il-wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sas-Sibt 26 ta' Lulju 2014.



**Is-Sibt, 21:** Lejlet it-Tifkira Solenni tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima. Fis-6.00pm, il-W.R. Kapitlu tal-Kolleġġjata Bażilika tal-Għarb ta bidu għal din is-Solennità bil-kant tal-Ewwel Għasar li tmexxa minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-istess Parroċċa. Fis-6.30pm, saret it-Translazzjoni Solenni bir-Relikwa tal-Madonna, segwita minn Pontifikal Solenni ppresedut mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Il-liturġija kienet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech. Ġiet esegwita l-*Missa De Angelis* alternata bejn il-parti Gregorjana u l-parti polifonika b'erba' vuċijiet, b'arranġament mużikali ta' Mro Grech innifsu. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni, sar it-Tiġdid tal-Wegħdiet tar-Reliġjużi f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħadd, 22:** Fis-Santwarju ġiet iċċelebrata s-Solennità tal-131 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima (1883-2014). Is-Santwarju fetaħ il-bibien tiegħu fl-4.30am biex ġew iċċelebrati l-Quddies tal-5.00am, tas-6.15am u tat-8.30am.

Fl-10.00am, saret it-talba tas-Supplika lill-Madonna Ta' Pinu segwita minn Pontifikal Solenni ppresedut mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, bis-sehem ta' diversi saċerdoti u reliġjużi Għawdxin. Wara l-qari tal-Vanġelu, Mons. Isqof għamel l-omelija tal-okkażjoni marbuta mar-rakkont tal-Vanġelu tat-Tieġ ta' Kana, li huwa l-vanġelu li jinqara fil-festa tal-Madonna Ta' Pinu. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bil-kant solenni tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji msawba fuqna bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Il-liturġija solenni tal-Festa kienet animata mill-Kor *Stella Maris* akkumpanjat mill-orgni u *brass quintet* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech, *Maestro di Cappella*, assistit minn Mro Ivan Attard, Assistent *Maestro di Cappella* tas-Santwarju. Għal din l-okkażjoni, ġiet esegwita l-*Missa "San Carlo Borromeo"* għal kor b'erba' vuċijiet, b'arranġament mużikali ta' Mro Attard.


Photo - MGOZ - George Scerri

Fl-4.30pm, sar il-kant solenni tat-Tieni Għasar tal-Madonna mill-W.R. Kapitlu tal-

Kolleġġjata Bażilika tal-Għarb, segwit minn Quddiesa mmexxija minn Mons. Arċipriet Joseph Sultana u animata mill-Kor Parrokkjali *Hebron*. L-aħħar Quddiesa fis-Santwarju ġiet iċċelebrata fis-7.00pm minn Mons. Carmelo Gauci, Rettur tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, u animata mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea. Din il-Quddiesa kienet segwita minn Purċissjoni Ewkaristika *aux flambeaux* fuq iz-zuntier tas-Santwarju, peress li dakinhar il-Knisja Universali kienet qed tiċċelebra wkoll is-Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej (*Corpus Domini*).

Iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu ġew fi tmiemhom fl-10.30pm bit-Talba ta' Għeluq il-Jum segwita mill-għoti tal-Barka Sagramentali.

**It-Tnejn, 23:** L-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta, mexxa Quddiesa għal tliet seminaristi tal-Kulleġġ Venerabbli Ingliż ta' Ruma, bħala parti mill-irtir tagħhom qabel l-Ordinazzjoni Djakonali.

**It-Tlieta, 24:** Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista. Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr immexxija minn Mons. Mikiel Mintoff, Dun Karm Camilleri u Mons. Anton Saliba, f'għeluq l-erbgħin anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.

**Il-Ġimgħa, 27:** Solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco fil-Belt Victoria u Dun Michael Said, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar, fl-anniversarju tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.

**Is-Sibt, 28:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tewmin Marcus u Maria Farrugia, waqt Quddiesa li saret fil-Kappella tal-Madonna mill-Kan. Ġużepp Farrugia u l-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri.

Fl-istess jum, Mons. Joseph Bezzina mexxa ċ-ċerimonja tat-Tberik taċ-Ċrieket tal-Għerusija tal-koppja Christine Zahra (mill-Għasri) u Brian Xuereb (mix-Xagħra).

***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ħamis, 5:** Pellegrinaġġ minn mill-Assoċjazzjoni Għawdxija tal-Għalliema Irtirati, fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

Fl-istess ġurnata, grupp ta' pellegrini mill-Italja għamlu żjara lis-Santwarju.

**Il-Ġimgħa, 6:** Numru ta' membri mill-*Old Aloysian Association* għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu fi tmiem l-irtir annwali tagħhom f'Dar Manresa.

**Is-Sibt, 7:** Saret żjara lill-Madonna minn grupp ta' pellegrini mill Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat ta' Malta, u minn familja mill-Parroċċa ta' Marija Assunta fil-Mosta.

**It-Tlieta, 10:** Pellegrinaġġ organizzat minn grupp ta' anzjani li jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fis-Siġġiewi. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom mill-Kan. Michael Galea, Viċi-Rettur tas-Santwarju.

**L-Erbgħa, 11:** Żjara lill-Madonna minn grupp ta' anzjani tal-*Little Sisters of the Poor* flimkien ma' *helpers* u volontarji tal-Assoċjazzjoni *Saint Jeanne Jugan*. Kien preżenti wkoll Mons. Guido Calleja.

**Il-Ħamis, 12:** Saru numru ta' pellegrinaġġi mill-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid, l-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fil-Mosta, u grupp ta' persuni minn Ħal Balzan.

**Il-Ġimgħa, 13:** Saru tliet żjarat lill-Madonna minn grupp ta' anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fil-Parroċċa tal-Imġarr, grupp ta' persuni minn Ottenbach fil-Ġermanja, u grupp ta' tfal mill-Iskola tas-Seminarju f'Malta fl-għeluq taż-żmien tal-primarja.

**Is-Sibt, 14:** Saret żjara mir-residenti tal-*ward* numru 6, *Saint Joseph*, tar-Residenza *San Vinċenz de Paule*.

**It-Tlieta, 17:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Attard.

Fl-istess ġurnata, numru ta' Awstraljani għamlu żjara lill-Madonna bħala parti minn pellegrinaġġ fuq il-passi tal-Appostlu Missierna San Pawl.

**L-Erbgħa, 18:** Ġew organizzati żewġ pellegrinaġġi lejn is-Santwarju: wieħed minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq, u ieħor minn grupp ta' persuni mill-Parroċċa ta' Marija Assunta fil-Mosta.

**Il-Ħamis, 19:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Qawra, b'Quddiesa minn Patri Antoine Apap OFMCONV.

**Il-Ġimgħa, 20:** Sitt djakni Maltin għamlu żjara lill-Madonna fi tmiem l-irtir ta' tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali. Is-sitt djakni kellhom Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna li tmexxiet minn Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, li kien il-predikatur tagħhom waqt dan l-irtir. L-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom saret nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2014 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, minn idejn l-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof ta' Malta.

**It-Tnejn, 23:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Leonardu f'Ħal-Kirkop. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri Robert Farrugia OCARM.

**It-Tlieta, 24:** Żjara lill-Madonna minn grupp ta' anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun, u minn grupp ieħor mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamangia.

**L-Erbgħa, 25:** Żjara minn grupp ta' pellegrini li jiffrekwentaw il-knisja tal-Erwieħ f'Ħal-Tarxien, bħala parti minn ħarġa għal Għawdex. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Mario Agius li għaliha kien hemm preżenti wkoll grupp mill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

**Il-Ħamis, 26:** Żjara mill-Grupp Fergħa Koperaturi tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM). Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna minn Patri Ugolin Xerri OFMCONV.

**Is-Sibt, 28:** Pellegrinaġġ flimkien ma' Dun Emmanuele Di Povi, kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Vicari, fl-okkażjoni tal-ħmistax-il edizzjoni tal-Konferenza *ACEF*.



TISLIMA lil żewġ saċerdoti

# Il-Kanonku Dun Karm Cini

Minn din il-paġna, ir-rettur Dun Gerard Buhagiar flimkien mal-bord editorjali ta' din ir-rivista, nixtiequ nsellmu lill-Kanonku Karm Cini, miż-Żebbuġ, li nhar il-Ġimgħa 1 ta' Awwissu 2014 għamel l-aħħar pass tiegħu fuq din l-art u beda ħajja ġdida fis-Sema fi ħdan il-Missier Etern.

Dun Karm twieled fid-19 ta' Mejju 1938, u kien ordnat saċerdot fil-11 ta' Mejju 1968. Il-Funeral, li tmexxa mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, sar nhar it-Tnejn, 4 ta' Awwissu 2014 fil-knisja arċipretali taż-Żebbuġ.

Il-ħidma pastorali ta' Dun Karm kienet waħda tassew sabiħa u mżewqa' b'esperjenzi diversi. Fil-fatt, barra s-servizz pastorali li wettaq fil-parroċċa tiegħu taż-Żebbuġ bħala direttur spiritwali fil-Leġjun ta' Marija u tas-Soċjetà Filarmonika *Santa Marija*, serva bħala Viċi-Parroku l-Mellieħa, Ħal Kirkop u Għajnsielem, kien Assistent Direttur fid-Dar ta' San Ġużepp, u offra wkoll servizz kostanti lis-Sorijiet Agostinjani f'Għajnsielem u fl-Uffiċċju Missjunarju, waqt li serva wkoll bħala Kanonku fil-Kolleġġjata tal-Għarb.

Min-naħa tagħna, imma, ma nistgħux ma nitkellmux dwar il-ħidma tiegħu fis-Santwarju Ta' Pinu. Għal diversi snin huwa kien saċerdot li bil-preżenza regolari tiegħu ħadem u stinka fis-Santwarju Ta' Pinu. Min jaf kemm persuni semgħu kelma ta' faraġ u ta' kuraġġ minn fommu! Huwa kien assidwu fil-konfessjonarju jamministra l-ħniena u l-maħfra ta' Alla. Propju ftit taż-żmien ilu kelli x-xorti nitkellem miegħu dwar il-ħidma tiegħu fis-Santwarju Ta' Pinu, u niftakar li qalli dawn il-kelmiet: "L-esperjenza tiegħi f'Ta' Pinu, għalkemm ma kinitx waħda ħafifa, nistqarr miegħek li kienet esperjenza mill-isbaħ fil-ħajja saċerdotali tiegħi. Batejt, iva, imma dak iż-żmien ma' ninsieh qatt, u nirringrazzja lill-Madonna li kelli x-xorti naħdem fis-Santwarju għażiż tagħha".

Dun Karm, aħna ċerti li meta ġejt biex tidħol fil-ħajja eterna, inti sibt fil-bieb lill-Verġni Mbierka tistenniek biex tlaqqgħek ma' Binha, lilek li min jaf kemm-il darba bexxaqt il-bieb lil dawk li niedma u sogħbiena resqu għandek u inti dewwaqthom l-imħabba tal-Missier. Għażiż Dun Karm, ma aħniex ser ninsewk. Inkomplu nżommuk f'talbna, u inti mis-Sema pajjiżna kompli idħol għalina tul din il-mixja tagħna sakemm nerġgħu niltaqgħu.

**TISLIMA lil żewġ saċerdoti**



# Mons. Ġuzeppi Mintoff

Nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru 2014, Mons. Ġużeppi Mintoff temm il-pellegrinaġġ tiegħu fuq din l-art u mar jiltaqa' mal-Missier.

Dun Ġużepp, mill-parroċċa tal-Għasri, twieled fis-17 ta' Marzu 1937 u kien ordnat saċerdot fis-7 ta' April 1962. Wara li ordna, hu serva bħala Kappillan tal-Kor tal-Kapitlu Katidrali u għalliem fis-Seminarju Minuri. Wara xi snin jaqdi l-uffiċċju ta' Viċi-Parroku l-Għarb, Dun Ġużepp inħatar Kappillan tal-Għasri, u dam f'din il-kariga għal sebgħa u għoxrin sena. Wara, serva bħala Kappillan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u aktar tard kien maħtur kollaboratur fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kurja Djoċesana. Huwa kien ukoll Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

Barra l-imħabba u d-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna Ta' Pinu, ċertament Dun Ġużepp jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-benefatturi għeżież tas-Santwarju Ta' Pinu. Dan għaliex ftit tas-snin ilu, waqt li kien għaddej ir-restawr fuq id-dar li fiha twieldet, għexet u mietet Karmni Grima, ix-xebba li semgħet il-leħen tal-Madonna Ta' Pinu, Mons. Ġużeppi Mintoff offra lis-Santwarju Ta' Pinu relikwa mill-aktar għażiża: troffa xahar ta' Karmni Grima. Issa li d-Dar ta' Karmni Grima ġiet irrestawrata mill-ġdid u miftuħa għall-pubbliku bħala mużew, wieħed jista' jara hemm din ir-relikwa għażiża. Kien Dun Ġużepp innifsu li poġġa fi kwadru din ir-relikwa flimkien mad-dokumenti li għandu tal-awtentiċità tagħha u stqarrija ta' kif din waslet għandu. Hawnhekk nieħdu l-okkażjoni biex nistiednu lilkom qarrejja ta' din ir-rivista biex tiġu żżuru din id-Dar imqaddsa. Kif kien stqarr Dun Ġużepp, huwa offra din ir-relikwa sabiex l-istorja ta' Karmni Grima, li kienet il-bidu tal-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu, tibqa' tinfirex u tiġi magħrufa, u fuq kollox biex il-pellegrin li jersaq lejn is-Santwarju Ta' Pinu f'riġlejn il-Verġni Mbierka jkompli jimita lil Karmni Grima billi jgħaddi mumenti ta' skiet fit-talb quddiem il-kwadru mirakoluż tal-Verġni Mbierka.



Għażiż Dun Ġużepp, int sejjer tibqa' f'talbna. Mis-Sema, fejn nemmnu li tinsab, għinna biex aħna wkoll inkunu nies ta' ftit kliem, imma fuq kollox li kapaċi nisimgħu l-vuċi ta' Alla u ngħixuha fil-ħajja tagħna ta' kuljum, sakemm għad nisimgħu l-aħħar sejħa tiegħu biex bħalek nidħlu fid-Dar tal-Missier.




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (It-23 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring,*
*maqlub għall-Malti*
*minn Francesco Pio Attard*

### Is-sehem ta' Marija fl-ewwel miraklu

"Fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: 'Ma għandhomx inbid'. U Ġesù qalilha: 'X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx'. Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: 'Agħmlu kull ma jgħidilkom hu'. Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: 'Imlew il-ġarar bl-ilma'. U dawk imlewhom sax-xifer. Imbagħad qalilhom: 'Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda'. U huma marru jagħtuhulu. Ilu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: 'Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom, iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa'. Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih" (Ġw 2:1-11).

Dan ir-rakkont iniżżel saqajha fl-art ix-xbieha ta' Marija u jgħolliha sas-sema. Fl-istess waqt hu wirja ta' l-attenzjoni mimlija mħabba li għandha Marija lejn il-ħtiġijiet tal-bnedmin tad-dinja u l-intuwizzjoni profetika tagħha ta' ġrajja li tmur sew lil hemm mill-ħajja ta' kuljum. Bħal fid-dar ta' Żakkarija, hekk mill-ġdid insibuha f'Kana bħala qaddejja umli li tgħin fix-xogħol tad-dar. Il-fatt li Ġesù u d-dixxipli tiegħu wkoll huma mistiedna hu aktarx ġest ta' kortesija ma' Marija. Il-fatt li jġib miegħu numru hekk kbir ta' ħbieb jista' jkun parti mill-kawża tal-mistħija ta' l-għarajjes, li, fl-aħħar, ma jifdalx inbid. Li tressaq il-problema quddiem binha hi espressjoni tat-tjieba tagħha kif ukoll tat-tnebbiħ tagħha mill-Ispirtu s-Santu. Hi ma tgħidx lil Ġesù x'għandu jagħmel. It-talba tagħha hi kuraġġjuża u fl-istess ħin umli. Dan hu mudell perfett ta' kif għandu jkun it-talb tagħna. M'aħniex kultant ittentati li ngħidu lil Alla x'għandu jagħmel minflok ma sempliċement irressqu l-ħtiġijiet tagħna quddiemu u nitolbuh il-grazzja li r-ridiet tagħna jsiru ħaġa waħda mar-rieda tiegħu? F'talba umli bħal din ta' Marija, nibdew niskopru dimensjonijiet li jmorru wisq lil hemm mill-ħtiġijiet immedjati




tagħna, u nirrealizzaw li l-Mulej dejjem jaf aħjar x'inhu tabilħaqq tajjeb għalina.

Il-miraklu ta' Ġesù f'Kana bħala tweġiba lil ommu hu ġrajja profetika. Kull kelma u għemil huma għanja fit-tifsira u jiftħu orizzonti ġodda. Il-kelma ta' Marija lill-qaddejja, kelma li donnha tidher maħsuba għal kull wieħed u waħda minna, jistħoqqilha l-attenzjoni speċjali tagħna: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu". Din tinsab fil-qalba tad-devozzjoni Marjana vera. Marija, l-omm tagħna, m'għandhiex xewqa ikbar minn dik li tiġbed l-attenzjoni, l-imħabba u l-ubbidjenza kollha tagħna lejn Ġesù. Nagħtuha ġieħ aħna u nimxu warajh u nagħmlu kull ma qed jgħidilna bil-kelma, bil-grazzja, bil-ħajja u bil-mewt tiegħu kif ukoll bil-ġrajjiet kollha ta' ħajtu.

It-talba ta' Marija hi l-okkażjoni ta' l-ewwel sinjal kbir li fih Ġesù juri l-qawwa divina tiegħu. Hi bħall-ħabib ta' artist li xi drabi, permezz ta' parir umli, iwassal lill-artist għal intuwizzjoni sħiħa fix-xogħol tiegħu. L-ewwel tweġiba ta' Ġesù ssib bosta traduzzjonijiet, imma rridu nieħdu dawk il-kelmiet fil-kuntest tagħhom. Ma fihom l-ebda rifjut jew tmaqdir.

Ġesù, f'din l-okkażjoni, ma jgħidx "omm" imma "mara". Hi l-istess espressjoni bħal fil-wegħda l-kbira ta' Alla fil-Protovanġelu: "U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara" (Ġen 3:15). Fuq is-Salib, Ġesù jindirizza mill-ġdid lil ommu bħala "mara"; u d-dehra tal-mara l-kbira mibdija fil-ktieb tal-Ġenesi tasal għall-quċċata għolja tagħha fil-ktieb ta' l-Apokalissi, kapitlu tnax. F'għajnejn Ġesù, f'dak il-waqt solenni f'Kana, Marija hi iktar milli l-omm privata tiegħu. Hi s-sinjal il-kbir tal-wegħda, sinjal profetiku mwettaq bl-ewwel miraklu li Ġesù jagħmel fid-dawl tagħha, il-"mara".

Ġesù jgħid: "Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx". Din il-ġrajja, kbira kemm hi kbira, trid tinqara fid-dawl tas-siegħa l-kbira ta' Ġesù meta jxerred id-demm tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem, fejn iżewweġ lilu nnifsu għal dejjem ma' l-umanità mifdija. Kristu hu l-għarus li jerfa' l-aħjar inbid sa l-aħħar.

Il-mistħija ta' l-għarusa u l-għarus ta' Kana, li twassal għal miraklu hekk kbir, hi simbolu umli tat-tbatija profonda li fiha hu mħejji ż-żwieġ bejn Kristu u l-Knisja. Marija hi preżenti fiż-żewġ ġrajjiet. Hi dejjem tistedinna u tħeġġiġna: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu". U l-kelmiet tagħha huma fl-istess waqt eżortazzjoni u don.

***Aħna nfaħħruk,***
***Missier il-Mulej tagħna Ġesù Kristu;***
***għax f'din il-ġrajja int urejt 'l Adam il-ġdid,***
***u 'l Eva l-ġdida, il-mara safja,***
***il-prototip tal-Knisja.***
***Irroddulek ħajr, għax bl-Ispirtu tiegħek***
***int dawwalt it-talba umli li twassal***
***għall-ewwel sinjal tal-fidwa tagħna.***
***Agħtina b'don il-grazzja tiegħek,***
***biex f'din il-ġrajja***
***u fil-ġrajjiet kollha ta' ħajjitna***
***nistgħu niskopru t-tifsira profonda tal-fidwa.***

***O Marija, kemm hi sabiħa***
***t-talba fiduċjuża tiegħek!***
***Int taf kif tagħti ġieħ lil Ġesù***
***bit-talba tiegħek.***
***Itlob għalina biex aħna,***
***kif għamilt int f'Kana,***
***nitgħallmu nindaħlu għal xulxin,***
***waqt li nkunu dejjem lesti li ngħinu lil xulxin***
***u nerfgħu t-tagħbija ta' xulxin.***
***Amen.*** ♦

# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...



**April - Ġunju 2014**

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**GĦAWDEX:** Abela Grace, Abela Joanne, Agius Antonia, Aquilina Marija, Aquilina Stella, Attard Speranza, Azzopardi Grace, Azzopardi Laura, Azzopardi Loreta, Azzopardi Maria, Azzopardi Mary, Azzopardi Nazzarena, Azzopardi Rosaria, Bajada Jane, Bajjada Dennis, Bajjada Maria, Bajjada Mary Rose, Ballucci Margaret, Borg Familja, Borg Frank, Borg Grace, Borg Joseph, Borg Maria, Bugeja Ersilia, Bugeja Frangiska, Bugeja Klementia, Buttigieg Gracy, Buttigieg Maria, Buttigieg Sandra, Buttigieg Tania, Calleja Frances, Calleja Julia Camilleri Agnes, Camilleri Carmen, Camilleri Cettina, Camilleri Frances, Camilleri Francis, Camilleri Guzeppa, Camilleri Margaret, Camilleri Paul, Camilleri Pauline, Camilleri Rodienne, Camilleri Rosarias, Carmen & Dave, Caruana Joe, Caruana Mikelina, Cassar Gina, Cassar Karmena, Cassar Mary Jane, Cauchi Agnes, Cauchi Eugene, Cauchi Joanne, Cauchi Josephine, Cauchi Karmnu, Cefai Melanie, Cefai Suzanne, Charlotte, Costa Carmen, Cutajar marija, Debono Samanta Marie, Falzon Lna, Farrugia Doris, Farrugia Helen, Farrugia Joanne, Farrugia John, Farrugia mark, Formosa Antonio, Formosa Laura Ann, Galea Davina, Galea Guza, Galea Josephine, Garzija Rita, Gatt Nina, Grech Frances, Grima Manwel, Grima Maria Assunta, Grima Michael, Grima Virginia, Meilak Gorgina, Meilak Samana, Mercieca Eugenio, Mercieca Paul, Mercieca Pawlu, Micallef Anthony, Mifsud Carmen, Mifsud Charlie, Mifsud Rita, Mifsud Stella, Muscat Carmen, Muscat Joseph, Muscat Phyllis, Portelli Agnes, Portelli John, Portelli Manwel, Portelli Mary, Refalo Antonia, refalo Chantelle, Refalo Guzeppa, Refalo James & Kirsty, Refalo Rozaria, Sacco George, Said Mary Anne, Said Mary, Saliba Carmen, Saliba emanuel, Saliba Mario, Sammut Mario, Sammut Mria, Scicluna Marie Christine, Spiteri Guza, Spiteri John, Spiteri Margaret, Spiteri Pauline, Spiteri Rita, Spiteri Tereza, Spitri Michael, Stival Tony, Sultana Daniel, Sultana Doris, Sultana Josephine, Sultana Manwel, Sultana Mary, Tabone Frank, Tabone Guza, Tabone Joe, Tabone Maria, Tabone Rita, Theuma Carolina, Vella Doreen, Vella Joseph, Vella Rose, Vella Saviour, Xuereb Loreta, Zammit Maria,

**MALTA:** Abdilla Tereza, Abela Pam & Anthony, Abela Pawu, Abela rita, Abela rose, Agius Carmel, Agius Carmelo, Aquilina Charles, Aquilina Doris, Aquilina Marvic, Aquilina Sandra, Attard Carmen, Attard Doris, Attard Margaret, Attard Marilynn, Azzopardi Esther, Azzopardi Sandra, Bajasda Giovanna, Ballucci Felicia, Balzan Lucija, Barbara Carmen, Barbara Mark, Barbasra Carmen, Bonanno Guza, Bonanno Victoria, Bondi Doris, Bonello Robertino, Bonnici Frank, Bonnici Ginas, Bonnici Maria, Bonnici Mary Asnne, Bonnici Nina, Bonnici Rita, Borg Anne, Borg BeNJamin & Hendry, Borg Carrie, Borg Chantan, Borg Jesmond, Borg Liliana, Borg Miriam, Borg Rita, Briffa Jacqueline, Brincat Achille, Bugeja Carmen, Bugeja Doris, Bugeja Julia, Bugeja Victor, Bugeja Vince, BUHagiar Rose, Busuttil Diane, Busuttil Lausy, Busuttil Nena, Buttigieg Antonia, Buttigieg B., Buttigieg Maria, Cachia Grace Anne, Cachia Phyllis, Cachia Rikku, Cachia Victoria, Calleja Cilia Lucy, Camilerri Tereza, Camilleri Cynthia, Camilleri Emanuela, Camilleri Familja Camilleri Joseph, Camilleri Louis, Camilleri Rita, Camoir Renee, Caruana Jessica, Caruana Maria, Caruana Mary Grace, Cassar Felix, Catchner Tereza, Cauchi Carmelo, Cauchi Jeffrey, Cauchi Salvina, Cesare Patricia, Chircop Carmen, Chircop Speranza, Cilia Familja, Cilia Philippa, Cremona Antoinette, Cristiano., Mr. & Mrs., Cuschieri George, Cuschieri Yanica, Cutajar Clifford, Cutajar Dominic, Cutajar Francis, Cutajar Maria, Cutajar Philippa, Cutajar Rita, Damato Cathy, Debono Alfred, Debono Godwin, Degabriele Ganella, Deguara Helen, Dingli Gaetana, Drago Sina, Drago, Ellul Antoinette, Ellul Pauline, Ellul Salvu, Ellul Zareno, Eyre Timothy, Facciol Rose, Farrugia Antonia, Farrugia Carmen, Farrugia Connie, Farrugia Crmen, Farrugia Doris, Farrugia Fr. Robert, Farrugia John, Farrugia Margaret, Farrugia Mary, Farrugia Noel, Farrugia Rosaria, Farrugia Tessie, Fenech Carmen, Fenech George, Fenech Grace, Fenech JOHN, Fenech Rosanne, Fenech Rose, Formosa Doria, Frankalanza Joseph, Galea Alfred, Galea chris, Galea Fa,ilja, Galea Henry, Galea Innocensa, Galea Ivan, Galea Marlene, Galea Mary, Galea Valente, Gatt Doris, Gatt Frans, Gatt Mario, Gauci Familja, Gauci Vicky, Gerada Frnces, Gerada Konsolata, Giampula Ninette, Giordmagnia Manuela, Graziella, Grech Maria, Grech Maria, Grima Maria, Grixti Elia, Gstt Doris, Hil;l Nina, Hydyn Josephine,

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## April - Ġunju 2014

**GHAWDEX:** Apap Nikol, Brooke Samuel, Buttigieg Ariana, Buttigieg Leanne, Camenzuli Isaac, Camenzuli Luke, Camenzuli Tyler, Cassar Antonio Cassar Elona, Formosa Carly, Gauci Shaylon-Lee, Perici Galascione Benjamin, Prokoptsuk Xuereb Dmitri, Saliba Nolan, Saliba Suri.

**MALTA:** Abela Krista, Aquilina Diyas, Azopardi Carlos, Baldacchino Faye, Bartolo Gabriel Christian, Bilocca Ana, Bilocca Luca, Bonello Daniel, Bonello Francesco, Bonnici Kyle, Bonnici Liam, Brignone Gabriel, Brincat LEeah Marie, Bugeja Keira Faith, Bugeja Miguel, Calleja Julia, Camenzuli Guzeppi, Camilleri Leah, Camilleri Theo, Caruana Coppola Luca, Caruana Coppola Martina, Cassar Amy Anne, Cassar Ella, Cassar Stafrace Valentina, Cassar Ylenia, Colombo Ena, Colombo Jake, Cremona Lisa Anne, Debasttista Kristin Edwina, Deidun Lucia, Deschrijver Amy, Desira Amber, Dingli Ben, Ellul Sophie, Falzon Alessia Maria, Falzon Mariash Ann, Farrugia Camoin Max, Felice Deyan, Fenech Aaliyah, Fenech Byorn, Fenech Carl, Fenech Marina, Fenech Matthew, Galdes Malaya, Galea Francesca Lucia, Galea Tara Sky, Gauci Ben, Grech Evie Marie Grech Kate, Grech Luca, Maple Jaxson Anthony, Micallef Chanelle, Micallef Denzel, Micallef Elysia Jane, Micallef Emma, Micallef Kadeshia, Muscat Nigel, Psaila Yanik, Pulis Josue Andrei, Schembri Mattias, Skianne Fabri Shania, Testa Eva, Vassallo Ylenia, Vella Alejandro, Vella James, Vella Luca, Vella Naomi.

**EWROPA:** Smissen Alexander.

---

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Laferla Tarcisju, Lagore Pushpi, Mallia Charles, Mamo Gina, Mamo Helen, Mangion Cristian, Martin, Mathai C.K., Mercieca Joe, Micallef Frances, Micallef Louis, Micallef Lucy, Mifsud Fidele, Mifsud Giovnna, Mifsud Gordon, Mintoff Marouska, Mugliett Carmela, Muscat Manwela, Muscat Mary, MUSCAT Nigel, Muscat Pina, Muscat Salvino, Muscat Victor, Pace Audrey, Pace Carmela, Pace Loreta, Pace Philip, Pace Tereza, Perks Josephine, Pisani Margaret, PORTELLI Michael, Portelli Sr. Raimondina, PORTELLU Petrina, Psaila Mary Lourdes, Pule Ina, Puli Mary, Runza Stella, Saliba Anthony, Salina Nolan, Sammut Antoinette, Sammut Maria, Sammut Mary, Sammut Paul, Sant Mario, Sbela Rose, Scerri Connie, Schembri Concetta, Schembri Joseph, Schembri Rita, Scicluna Felicita, Scicluna Isabelle, Sciortino Carmen, Simopn, Spiteri Frances, Spiteri Joseph, Spiteri Lucija, Spiteri Maria & Emily, Stafrace Familja, Stehr Antida, Sultana Mara, Tabone Roza, Tanti Carmen, Tessie, Valletta Margaret, Vassallo Doris, Vassallo Familja, Vassallo Grace, Vassallo Joe, Vella Isabel, Vella James, Vella Maria, Vella Paul, VELLA Pauline, Xerri anna, Xerri Familja, Xerri Konsolata, Xerri Rita, Xuereb Maria Assunta, Young Mary, Zammit Carmelina, Zammit Daniel, Zammit Jane, Zammit Josephine, Zammit Josephine, Zammit Mary, Zammit Pawla.

**AMERIKA:** Borg Emanuel, Dilea Sasndra, Mercieca Giswalda, Mercieca Marlene, Muscat Mary, Pace Joe & Jeanette, Sahra Mary, Said Mary, Vassallo L.

**ASIA:** Ari Luana

**AWSTRALJA:** Aquilina Tereza, Attard Carmen, Attard Doris, Attard Mary Ann & Sam, Attard Peter, Azzopardi Maria, Barba Angie, Bonanno Maria, Borg Charles, Borg Sammy, Camenzuli Clementa, Camilleri Antoinette, Caruana Tony, Cauchi Maria, Galea Carmen & Eliah Gatt Mary Lourdes, Guza, Hili M'Anne, Joanne, Jonathan & Amanda, Marias Melissa, Mercieca Carmen, Mercieca Rose, Micallef Mary, Mifsud Carmen, Mifsud Mary, Muscat Remo, Muscat Vicky, Pace Doris, Penza Jackie, Portelli Antonia, Richard, Sacco Rita, Schembri Frank, Spiteri Asndrew, Stellini Paul & Connie. Sultana Cathy, Sultana Frances, Sultana Karistu & Mary, Sultana Mamanti, Sultana Salvina, Sultana Victor, Tabone Carmela, Tabone Nathalie, Tewma Vittoria, Vella Maria, Vella Mary, Vicky, Zammit Cathy & Jimmy, Zammit Diane, Zammit Joe, Zammit Maria, Zammit Mary Anne.

**EWROPA:** Avril, Buttigieg Mary, Covadino Paul, Family From Ireland, Hale Family, Keelan Mary, Kruzliakova Maria, Portelli Joseph, Ryan Marian, Salamki Trisia, Stasiv Natalia, StuAiegus, Wells Dorothy.

# Projects for Ta' Pinu National Shrine in Gozo, Malta

## Visitors' Car-Park







*Works on the parking area have already started.*






*Estimated completion date by December 2014*



***Help us to finish these projects to make Ta' Pinu National Shrine a better place of spiritual comfort***

*Support the project by making a donation to Ta' Pinu National Shrine - Gozo, Malta.*
*Either send a cheque to Ta' Pinu National Shrine or make a deposit directly to Bank Account.*

Bank Account Details: APS BANK - 'Ta' Pinu Sanctuary - Pilgrims Centre'

Bank Account No: 2000 1204 101 - IBAN Account No.: MT46 APSB 7703 5001 3369 2000 1204 101

# GĦAWDEX 150 Sena Djoċesi



GĦAWDEX 150 Sena Djoċesi
1864 2014










NEWSPAPER POST